IT-TIELET KTIEB
TAT-TNEJN U
ERBGĦIN SENA

SETTEMBRU

1966

LINGUA CONCORDIA DOMI FORISQUE DECOR

ROYAL UNIVERSITY OF ... MAIN LIBRARY

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

## L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

KULL TLIET XHUR

### KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

EDITUR — L-Ilsien Malti ... ... ... ... ... ... faċċ. 65
C. CASSAR, M.D. — *Kwartini* ... ... ... ... ... ,, 66
PAWLU CACHIA — Dak li ħalla l-Ħares ... ... ... ,, 67
PETER A. CARUANA — *Epigrammi* ... ... ... ... ,, 72
MARIO AGIUS — *Lill-Madonna tal-Ajru* ... ... ... ,, 73
GUŻE' DIMECH DEBONO — Il-Fatati li ħatfu lil Ġomu "Xewka" ... ... ... ... ... ... ... ,, 74
ĠORĠ BORG — *Bla Mħabba* ... ... ... ... ... ... ,, 78
P. JOS. CREMONA — *Il-Bieb ta' l-Infern* ... ... ... ,, 78
C. CASSAR — *Roti Jduru* ... ... ... ... ... ... ,, 79
ĠORĠ BORG — *Bla Mħabba* ... ... ... ... ... ... ,, 80
Kronaka tal-Akkademja ... ... ... ... ... ... ,, 81
KARMENU MALLIA, B.A. — Il-"Jien u Lilhinn Minnu" ta' Dun Karm ... ... ... ... ... ... ,, 83
A.C. — Ismijiet ta' Dwieli u Għeneb ... ... ... ,, 91
Reċesjonijiet ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 92

**DIRETTUR: Prof. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.,**
**34/14, Triq id-Dejqa, Valletta.**

**ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, Hon. D.Lit.,**
**53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paola.**

**SEGRETARJU ONORARJU: Godfrey Zarb Adami,**
**18, St. Christopher Street — Valletta.**

*Kull korrispondenza għandha tinbagħat lis-Segretarju Onorarju.*
*All communications should be addressed to the Hon. Secretary.*
*Ogni corrispondenza da spedirsi al Segretario Onorario.*
*Toute correspondance doit être envoyée au Secrétaire Honoraire.*

---

*Ħlas ta' IL-MALTI: 4/- fis-sena. Ktieb wieħed: 1/-.*
*Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:*
*Victor Apap, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.*

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ — SETTEMBRU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1966


# L-ILSIEN MALTI

*Dan l-aħħar fil-Parlament issemma l-Malti u tkellmu fuq dan l-ilsien tagħna imma dak li qalu kellu aktar motiv politiku milli intellettwali.*

*Kien hemm min qal li l-ilsien tagħna qiegħed ikun maħnuq bl-ingassa ta' kliem barrani. Dan kollu minnu u aħna minn fuq il-paġni ta' dan il-perjodiku kellna ħafna okkażjonijiet nilmentaw fuq din ix-xejra belha u bla għaqal.*

*Il-lum wieħed spiss jaqra fil-ġurnali jew jisma' fuq ir-rediffusion jew fit-televiżjoni, kliem, termini u espressjonijiet li huma mhux biss barranin iżda wkoll barra minn lokhom u bla sens. Kliem bħal dan iħawwad l-imħuħ, idejjaq lill-qarrejja u jxebbaʼ lis-semmiegħa. Il-ħtija ta' dan it-taħwid huma n-nuqqas ta' ħsieb jew l-injoranza ta' dawk li jiktbu jew ixandru, u sakemm jibqgħu jindaħlu għal dan ix-xogħol nies li ma humiex kapaċi jew ma jridux jitgħallmu jew jifhmu dak li hu sewwa u xieraq, l-ilsien Malti jibqa' mfixkel, il-qari ta' ċerti skritturi jibqa' banali u x-xandir jibqa' idejjaq lil kulħadd.*

*Issib x'uħud li jmaqdru l-Malti għax hu ilsien ta' poplu żgħir. Din hi fehma ta' nies li jaħsbu baxx, dawk li jbatu bl-"inferiority complex", dawk li jeżaltaw kull ħaġa barranija u jistagħġbu b'kulma jagħmlu l-barranin, imma qatt ma għandhom kelma tajba għal dak li jsir f'Malta jew għal dak li jwettqu l-Maltin.*

*Din il-fehma qarrieqa u bla ġieh għamlet deni kbir lill-ġenju Malti u żammet lura l-isvilupp intellettwali ta' niesna. Jekk nagħtu l-ġenb lill-Malti għax hu ilsien ta' poplu żgħir, għall-istess raġuni jkollna mmaqdru kull istituzjoni jew patrimonju tal-Maltin bħalma huma stat ċivili, amministrazjoni, storja, estetika u ħafna karatteristiċi oħrajn tan-nazzjon tagħna.*

*Is-siwi nazzjonali ta' ħaġa jitqies mir-rabta li jkollha mal-poplu, u ma hemmx rabta aktar sħiħa minn dik li teżisti bejn il-poplu u l-lingwa li biha jfisser fehemtu u xewqatu.*

*B'dan ma rridux ngħidu li lilna l-Maltin għandu jimportana biss mill-ilsien Malti. Aħna rridu u nixtiequ li niesna jitgħallmu ilsna oħra, għax it-tagħlim tal-ilsna hu ta' fejda kbira, iżda dawn l-ilsna barranin qatt ma għandhom iġennbu 'l-Malti.*

*Intqal ukoll fil-Parlament li l-alfabet Malti hu mtaqqal b'xi ittri jew sinjali prostetiċi li ma jinsabux f'alfabeti oħrajn. Dan juri*

*li l-ortografija Maltija għandha individwalità tagħha u għandha egħruq u s-sisien għaliha nfisha. Din hi waħda mill-provi li l-ilsien tagħna għandu kumpless lingwistiku għalih waħdu u mhux imlaqqat minn ilsna oħra.*

*L-alfabet Malti għandu storja antika ħafna għax kien hemm ħafna għamliet tiegħu u ġarrab ħafna tibdiliet sakemm hu wasal u ħa s-sura li għandu issa. L-alfabet li għandna l-lum sar bit-tħabrik tal-kummissjoni li kienet ħatret il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u li l-membri tagħha damu ħafna jistudjaw, jistħarrġu u jħabblu moħħom biex ħarġu sistema ta' alfabet raġunat, xjentifiku u fonetiku li jaqdi lill-ilsien tal-poplu tagħna. Dan l-alfabet għandu l-karatteristiċi tiegħu; iżda liema alfabet li hawn fid-dinja ma ssiblux suriet jew għamliet għalih biss? L-alfabeti tal-poplu Franċiż, dak tal-poplu Ġermaniż, tal-poplu Spanjol, tal-poplu Grieg u oħrajn għandhom ittri u figuri li ma ssibhomx f'alfabeti oħrajn, imma b'daqshekk ħadd ma qal li dawk l-alfabeti huma żbaljati jew ma humiex prattiċi.*

*Is-sistema ta' ortografija Maltija l-lum, wara kważi nofs seklu, ixxettlet u qabdet tajjeb, saret magħrufa u aċċettata mhux biss f'Malta iżda wkoll barra minn Malta. Hi swiet biex il-kitba Maltija ssir omoġenja, u għenet mhux ftit biex tat xejra 'l quddiem lill-letteratura Maltija. Il-letteratura tagħna qatt ma ħadet qabża 'l quddiem daqs f'dan l-aħħar nofs seklu, u jekk irridu li l-ġenju u l-intellett Malti jissoktaw jagħmlu progress għandna nikkoltivaw mhux inxekklu l-ilsien tagħna, il-Malti.*

---

# KWARTINI

*Ta'* C. CASSAR

Jekk tħobb il-hena jew il-ferħ tad-dinja
Tistmerrx li tbati jew li tħoss uġigħ,
Qabel ma dduq il-bajtar bnin u ħelu
Jeħtieġ tħoss it-tingiż mix-xewk li fih.

* * *

(Mit-Taljan)
Jien fuqek dejjem ngħid kliem ta' foħrija
Int fuqi dejjem tqassas ilsna ħżiena
Jiġri ma jdumx li n-nies tintebaħ
U la tkun emmnut int u lanqas jiena.

* * *

La tgħirx għall-kbir, la tgħirx għal min isaltan,
Iż-żina tista' taħbi dmugħ ta' demm
Ftakar li s-slaleb li jitwieldu magħna
Iktar ma nikbru iktar joktor il-hemm.

# DAK LI HALLA L-HARES

*Ta' PAWLU CACHIA*

Il-ħanut ta' Mikiel kien imballat bin-nies li ta' kull lejla kienu jiltaqgħu hemmhekk biex jaqtgħu l-leblieba ta' l-inbid jew biex jindafru dafra mal-karti tal-logħob, u fl-istess ħin iqattgħu siegħa jlabalbu fuq dik il-ħaġa li tkun l-aktar laqtithom matul il-jum. U ngħiduha, ma kienx jonqos li xi darba jew oħra jwaqqgħu l-kliem fuq ħaddieħor biex jikxfulu l-borom tiegħu.

Fost dik iċ-ċorma kien hemm Marozz il-Baħnan, raġel fuq ruħu li issa qorob biex ixellef l-erbgħin. Kien ħabrieki għall-aħħar fl-oqsma li kellu missieru, u daqqa t'id ma kienx jaħsibha darbtejn biex jagħtiha mill-aħjar li jista'.

Dan kien midħla tal-ħanut daqs il-bqija. Iżda billi kien xi ftit moħħu ħafif u mberfel, kulħadd kien idur miegħu bħall-qaqoċċa ħalli jgħadduh passata kif tmiss il-liġi. Min jistadu f'xi kelma. Min jimbuttah u jkun għoddu qalbu minn tulu fl-art. Min jibagħtu għand il-kappillan jew għand is-surġent tar-raħal b'xi qadja bla sens. Min kien jiġbidlu xi ġibda saqajh. U dak bħal mazzun jibla' kollox u jagħmel kollox b'għajnejh magħluqa. B'danakollu, hu ma kienx jagħmel dan għar-riħ bla xita. Għaliex wara li jkun qeda dak li qabbduh, mingħalih bl-akbar reqqa, kien isib jistennieh xi pinta nbid li jiblagħha f'kemm ilna ngħidu.

Mhux l-ewwel darba li b'riħet hekk kien ilegleg xi erbgħa mhux ħażin. U lanqas ma kienet darba f'mitt qamar li sħabu jirnexxielhom isakkruh u mbagħad ħalli għalihom jagħmlu burdell sħiħ bih, billi f'dik it-telqa Marozz kien jiftaħ ħalqu u jibdew ħerġin sensiela ta' ħmerijiet, waħda isbaħ mill-oħra, li l-awtur tagħhom ma jkunx għajr dak l-għasir ta' l-għenba.

Il-Baħnan kien joqgħod għal kollox bħal ħaruf. Imma kif kien ixomm li ġej il-kliem fuq il-ħares kien iqatta' l-karti ma' min kien jisimgħu jitkellem fuq hekk. Għaliex il-kelma biss ħares kienet twaħħxu u triegħdu bil-biża'.

Għalkemm kien jidher iblah quddiem l-oħrajn, hu ma kienx bla moħħ daqskemm kienu qed ipinġuh. Marozz kien makakk, u biex jieħu dak li jrid u tgħaddi tiegħu kien jinqeda b'kollox.

Marozz kien iqis lil kulħadd b'ħabib, iżda lil Bertu t-Trumbun u Wenzu l-Fdewxu ma kienx jaħmilhom b'għajnejh. Dawn kienu joħolqulu kull nasba li allaħares ma jkunux xi ħbieb li hu jaħlef bihom daqs id-dawl ta' għajnejh, li dawn kienu jħennu għalih u jifthulu għajnejh biex jeħles mis-saram li jkunu se'r jitfgħuh fih. Ma kenitx l-ewwel darba li dawn riedu jixħtuh fi xkora, u hu bid-

daqsxejn melħ li kien baqagħlu, żgiċċa minnu minflok qabad lilhom fiha.

Dik il-lejla lanqas laħaq qabeż l-għatba tal-ħanut li ma sabx lil dawn iż-żewġt ixriek, li kienu qishom id-delj ta' xulxin, jitħaddtu ras imb'ras. Dawk l-imgħarrqin kif lemħuh dieħel malajr sejħulu biex jersaq in-naħa tagħhom. Il-Baħnan mar biex ma jħallihomx jaħsbu li qiegħed jintrefa' minnhom. Għaliex, wara kollox hu minnhom ried! Xi qatra huma kienu jħallsuhielu!

"Il-lejla minfejn ġej, Marozz?" staqsieh it-Trumbun biex jibdielu d-diskors.

"Ara l-ieħor! Minfejn tridni niġi? Mhux mir-razzett jew?" wieġbu l-ieħor, u meta lemaħ l-inbid quddiemhom malajr tħajjar, "Hemm xi naqra nbid Bert?"

"Hawn ħa l-flixkun, ħu kemm trid," qallu dak waqt li ressaqlu l-flixkun u t-tazza li kien għadu kemm xorob minnha hu.

Wara li ferra' tazza u meċlaq tnejn ħalqu, Marozz kien sa jwarrab u kollox, meta Wenzu għemeż lil sieħbu li dan dlonk dar fuq il-Baħnan u qallu. "Ħabib, ħobbni u obgħodni, imma minn żmien 'l hawn qed narak togħlob wisq. Jaqaw qed titħabat fl-egħlieqi, jew inkella dabbart xi xebgħa mingħand xi ħadd u ħalliek bla saħħa?"

"Huwa lili min tridu jtini xebgħa?"

"Ma nafx, forsi lagħablek xi waħda l-ħares."

"F'ġieh kemm hemm, se'r terġa' tibda l-pantomini tas-soltu?" saħan Marozz meta ra lil dak jinkih.

"B'daqshekk x'qallek, Marozz?" taffihielu l-Fdewxu, "biex tagħmel dan il-plejtu kollu għal xejn? In-nies man-nies jitkellmu, u b'dak li qallek ma nafx għaliex kellek tieħu għalik."

"Jaqaw int qed iżżomm miegħu wkoll, għax daż-żmien intom dejjem hekk, dejjem taraw f'hiex tgħalltuni," maħmaħ id-dgħajjef.

"Ngħalltuk b'daqshekk?" xeħethielu Bertu, "Mur ġibek li veru dar għalik il-ħares!"

"Jekk se'r tkompli sejjer sa jkollna xi ngħidu," telgħulu Marozz f'saħna ta' għajat.

L-irġiel l-oħra li kienu fuq imwejjed oħra, intebħu x'kien ġara. Għaliex dik l-istorja kienu drawha, u issa kienet xebbgħethom. Mikiel, sid il-ħanut u Wistin il-ħuttab kienu qed jitkellmu fuq it-trobbija tat-tiġieġ u x'ħin semgħu t-tħambiq resqu lejn il-mejda ta' dawk, u biex tal-ħanut ma jiksirhiex ma' ebda wieħed minnhom qal, "X'inqala' dan l-għajat kollu?"

"U xejn, Mikiel," wieġeb Bertu biex jurih li qed jillitigaw fuq tentufa.

Marozz ma riedx joħroġ tellief u f'daqqa waħda qam bil-wieqfa u beda jgħajjar lil Bertu, "Daqshekk int raġel? Għidlu li kontu......

u mhux xejn."

"Konna qed ngħidulu jekk kellux xi jgħid mal-ħares," qabeż dikment Wenzu biex ma jħallihomx iwaqqagħhom għaż-żuffjett. "Dak kollu. Ma nara xejn ħażin fiha?"

"U b'daqshekk, Marozz! Ma kellekx għaliex tagħmel dak l-istorbju kollu," għarfu l-Ħuttab waqt li taptaplu fuq spalltu.

"Imma dawk ħżiena daqs tengħuda, u dejjem hekk, għax jafu minn x'hiex inbati. Dawk dejjem jaraw f'hiex iqabbdu dufrejhom ħalli jġibuni fil-għawġ. Imma f'wiċċhom jibqa'."

"Xi ħsibtna lilna? Xi rġiel tal-ħabba gozz?" tħambaq l-Fdewxu meta ra lill-Baħnan iqum fuq tiegħu.

Il-qiegħa kienet qed tisħon ġmielha u Wistin, li ħlieqa ma' Marozz kien imut għaliha, beda jagħmel minn kollox biex taparsi jsewwi u jraqqad kollox. Għalhekk dar fuqhom u qalilhom, "Aħna sa nibqgħu sejrin hekk? Ara, ħalli naqtgħuha fil-qasir u kulħadd jieħu li ħaqqu. Nibdew bik, Marozz, qabel xejn, qatt rajt il-ħares, jew qatt ħallielek xi ħaġa u int ma żammejthiex mistura?" waqt li b'għajnejh beda jfittex lill-Fdewxu u lit-Trumbun.

"Iż-żift," qallu mgħaddab il-Baħnan. "Int ukoll, Wistin?"

"U le mhux hekk! Mela lilna ħsibtna tfal?"

"Mhux hekk xejn, għax ħaqq l-imniefaħ qed nara li se'r tilagħbuni fin-nofs," ħaqqaq dak waqt li fajjar daqqa ta' ponn fuq wiċċ il-mejda u biha kien għoddu qaleb il-flixkun, u ħasad lil dawk li kienu qed jitniegħsu fl-irkejjen tal-ħanut. "Ħa ngħidilkom ċara u tonda," reġa' beda biex jilgħabha ta' ħmar. "Jien ma nafx x'intom tgħidu, smajtx. Ħares u mhux ħares; ħallielek il-flus u ma żammejtx mistur. Jien ma nafx xi tridu tgħidu bihom!"

"Ħa nfiehmek ftit," qabeż Wistin bħal wieħed li donnu qiegħed ifittex ix-xagħra fl-għaġina.

"Tfehemni xejn, u qattus it-torok, mur int u kemm għandek għand boxxla xjaten," ħaslu Marozz u fl-istess ħin jheżżeż snienu bir-rabja.

"Bil-mod, għax tkun għaddejja xi fewġa, Marozz!" żerżaqhielu Bertu b'ilsien ħażin daqs ta' lifgħa.

Il-Baħnan lanqas ħallieh jispiċċa li ma warrabx minn hemm, u wara li żarrat tnejn minn taħt, gemgem waħdu, "Aħjar nitlaq minn ħdejhom, dawn il-qabda qlafat, għax bi kbira se tiġi l-lejla jekk sa jibqgħu sejrin biha!"

Għal dik il-lejla, kollox reġa' bired xi ftit u l-ħarsijiet kienu baqgħu jiġġerrew barra, għaliex ħadd iżjed ma kien sejħilhom. Iżda moħħ il-Baħnan kien xegħel bi ħsieb li jekk jagħraf jaħdmu tajjeb, jagħtihom tweġiba li ma jinsewhiex kif ġieb u laħaq.

Hu ma kien wera ebda dell ta' biża', imma baqa' magħhom jitbaħrad, idur minn mejda għal oħra; daqqa jlaqqat xi pinta u daqqa jwerrek idejh għaliex ikun iddobba xi sigarett, sakemm għajja jitliejaq minn hemm għal hawn, sellem baxx baxx u parpar 'il barra, iħammem u jgedwed waħdu fuq il-ħsieb li waqa' f'moħħu.

Dik il-lejla ma setax jagħlaq għajn m'għajn. Fil-kamra kien qed jistħajjel li jara bosta xbihat koroh u bosta boroż ta' flus imxerrdin. Hu ma tax kas, għax kien jaf li dawk kienu kollha qlajja' tan-nies. Anzi dak il-ħin faqqa' daħka u f'qalbu qal, "Hekk nagħmel! Hux qalu li l-ħares iħallilek xi ħaġa warajh? Mela ħalli f'idejja. X'ħasbu li hu Marozz! Xi wieħed ta' kafkaf? Fl-aħħar insibilhom kappell jiġihom." Imbagħad wara ħafna tiġbid ta' kutri, għajnu marret bih u sab ruħu fi ħdan Morfew jonħor daqs bumerin.

L-għada fil-għaxija, il-klikka ta' rġiel fil-ħanut ta' l-inbid kienet qed iddaħħan, tredden jew tiekol xi bukkun fuq idejha. Marozz dik il-lejla kien iddawwar aktar mis-soltu. Kulħadd tħasseb fih. Min ħaseb li mhux se'r jersaq 'l hemm iktar minħabba dak li għamlulu fil-lejla ta' qabel. Min qal li waqa' fil-bir u ma sabux rampil biex itellgħuh. U min ħaseb li weġġa' bl-imgħażqa.

Iżda Marozz ma ġralu xejn minn dan. Għaliex wara ftit deher dieħel il-ħanut b'wiċċu għad-dawl. Hu kien mgħobbi b'bixkilla fuq spalltu. Kulħadd stagħġeb bih; għax lil Baħnan qatt ħadd ma kien rah f'dik il-qagħda. Huma dejjem rawh idu fil-but igerrem xi loqma ta' sigarru jew sigarett li jkun sab barra t-triq. Imma għajnejh dejjem imberrqin ħalli jara min ser iħallaslu xi boqqa nbid.

Bertu, li kien qisu xewka, lanqas ħamlu, għax kif rah ifiġġ mar dritt dritt fuqu u qallu, "Hemm x'għandek, xbin?"

Marozz ried jagħmilha t'iblah biex iġib lil kulħadd għal taħt idejh. "Hemm għandi affarijiet li ma nistax nurihomlkom, għax inkella jista' jaqa' xi risq ħażin fuqi!"

"Iva lanqas lilna?" saħħnu l-Fdewxu biex jirnexxilu jwaqqgħu.

"Ma' ħadd, Wenz. Għaliex dak li għandi fil-bixkilla tahomli l-ħares u b'rasi jdur jekk nitniffes" wieġbu fil-waqt il-Baħnan.

"Din xi żinnata minn tiegħek," reġa' t-Trumbun mgħoxxi biddaħk.

"Ara ma jdurx għalik, Marozz," tefagħhielu Wistin li kien qed jisma'.

Meta semgħu dan il-kliem kulħadd infexx jidħak, għax dawk intebħu li kienet ħlieqa tiegħu.

Marozz li issa kienet id-daqqa tiegħu dar lejhom u qallhom, "Idħku! Intom lil Marozz ħsibtuh xi mderwex jew? Iżda ngħidil-

kom li intom l-imderwxin. Mela la tridu tafu, ikxfu l-bixkilla ħalli taraw b'għajnejkom stess.

Kif neħħew il-biċċa xkora li kienet qed tgħatti dak li kien hemm taħtha, lemħu qoffa frott tgħaxxqek. F'dan il-ħin il-għagħa waqfet għal kollox għax raw li kliem Marozz ma kienx fih qerq. It-Trumbun kien ġa pront biex idaħħal idu ħalli jaħtaf waħda. "Dan minn fejn, ħabib," qallu Bertu bi kliem iniggeż.

"Mela jien qed inkellimkom bl-Gharbi? Dak ħallihuli l-ħares!"

"Kemm ħsibtna bċieċen lilna. Lilna ma tballgħalniex ir-ross bil-labra tafx," wieġbu mibluh fih innifsu dak li ħadlu l-frotta, waqt li qarmeċ snienu b'dak li kellu f'ħalqu.

"Imma ħaqq it-tabakk! Int ġewilla ma temmen b'xejn? Iżda la naf li lagħabkom nieżel biex tkunu tafu, ħa ngħidilkom kollox, basta ma titkellmux. Dal-lejl ġie l-ħares u qalli li sa jħallili qoffa frott. Jien staqsejtu minn fejn ġabha, u hu qalli li ġabha mingħand bosta bdiewa, fosthom Bertu t-Trumbun, Wenzu l-Fdewxu u mingħalija semma wkoll lil Wistin il-Ħuttab. Imma, jien billi għandi ħafna siġar tal-frott, ħsibt u rajt li nġibha hawn ħalli dak li m'għandux igħix ma' min għandu. Xi tgħidu, ma ħsibthiex tajjeb?"

It-tlett iħbieb fehmuha l-biċċa u ma fetħux fommhom għax kellhom denbhom taħt il-blata, għalhekk dik il-lejla kellhom jitqannew b'buli ta' kelb.

Mikiel tal-ħanut meta rahom hekk, "Eh, fl-aħħar tal-mazzita, il-Baħnan sabilkom iż-żbiba."

Din ma nafx kif ħaduha. Imma naħseb li ma kellhomx il-ħila jiftħu ħalqhom biex jerġgħu jbeżżgħu lil Marozz bil-ħares!

---

# IL-POETA TAL-MADONNA

**L-Għaqdiet kollha, is-Soċjetajiet, il-Membri Akkademiċi tal-Malti u l-Qarrejja kollha li għandhom xi poeżiji mhux ippubblikati f'ġurnali, tal-PROFESSUR ANASTASJU CUSCHIERI, Karmelitan, huma ġentilment mitlubin jiktbu jew iċemplu mill-aktar fis lil Alfred Degabriele, Block XV, Flat 6, Triq il-Begonja, Sta. Luċija (Tel. 20163), jew lil Patri Serafin M. Abela, O.Carm., Kunvent tal-Karmnu, Il-Belt (Tel. 26108).**

**B'hekk ikunu ta' għajnuna kbira fil-ktieb ta' poeżiji ta' dal-poeta kbir Malti li qed jitlesta.**

# EPIGRAMMI

*Ta'* PETER A. CARUANA

### Meeting

Il-kliem bil-mod; u jibda:
"Ħbieb, ġejt ngħid is-sewwa!"
Imbagħad jgħajjar u jmaqdar.
Għalih kulħadd għedewwa!!

### Qari

Ftaħt ktieb biex moħħi nserraħ
min-niket u t-taħwid:
L-istorja kienet kollha
dwar l-aħħar gwerra l-ħbit.

### Fil-Qorti

Fil-qorti daħal wieħed
felħan, fuq tiegħu sew.
Minn ħadd qal li ma jibża',
lanqas li qed hemm ġew.

Il-Maġistrat bil-kalma
widdbu jilbes il-ġlekk.
"Iva sinjur, aħfirli;
ma nafx li l-liġi hekk!"

### Fil-Parlament

Jisħon, jiġġieled, jgħajjat,
jaħlef, jidgħi bis-sħiħ
għax dak li jwaħħal f'rasu,
iridu minnufih.

Imbagħad jibża', jitriegħed
xħin l-għawġ jersaq għalih.
Is-saħna ssirlu bruda;
il-għaġla ttir mar-riħ.

Sewwieq

Biex jasal kmieni d-dar,
Feliċ iddejjen *car*;
'Mma meta biex isuq isir il-ħin,
jibqa' qatigħ jistenna t-trafku jnin.

Fiċ-Ċimiterju

Dħalt nitlob f'ċimiterju
u sibt qaddis kulħadd.
"Il-ħajja għax fis-sliema;
id-deni m'għamlu qatt".

'Il barra ħriġt imħasseb
nitlob għalija r-riżq,
għax fejn dawk li ġa mietu
ħajti ħażina wisq!!

---

# LILL-MADONNA TAL-AJRU

*Ta'* MARIO AGIUS

*B'tifkira ta' meta tqiegħed u tbierek il-Kwadru-Pittura tax-xbieha tagħha fl-Ajruport ta' Ħal-Luqa.*

(*L-Erbgħa*, 17 *ta' Frar*, 1965).

Emminna dejjem li mid-dinja tagħna
Fis-sema mtellgħa ġejt bir-ruħ u l-ġisem;
Jixraq, għalhekk, b'Madonna wkoll tal-Ajru,
Aħna nagħrfuk ilkoll taħt dana l-isem!

Emminna illi bqajt dik l-omm ħanina
Tagħna l-bnedmin f'dal-wied tad-dmugħ mifnija:
Bil-għawġ u l-ħażen, kull fejn tmur fid-dinja,
Ta' nies kburin li ma jafux b'mogħdrija . . .

Emminna lkoll f'dawk il-mirakli kollha
Li saru wkoll bl-interċessjoni tiegħek:
U fil-għadd kbir ta' grazzji wkoll maqlugħa,
Li juru li l-Mulej hu dejjem miegħek.

U nibqgħu nemmnu f'dik is-setgħa kbira,
Li biha ġejt mogħnija mill-kbir Alla;
Ħarisna wkoll fil-Vjaġġi tagħna bl-ajru,
Int tama tagħna u ġmiel bħal ta' qawsalla!

# IL-FATATI LI HATFU LIL ĠOMU "XEWKA"

Ta' ĠUŻE' DIMECH DEBONO

Ġanni Fenech u Zanzu Paċ kienu tnejn minn nies tal-ġabra li l-kapriċċ waħdani tagħhom kien li jmorru jieħdu xi kafè minn għand Grezzjol ta' misraħ il-knisja nhar ta' Ħadd wara nofs in-nhar.

Hemm fuq xi mejda mwarrba tal-ħanut kienu jsibu l-hena tagħhom; jafdaw għommthom lil xulxin biex kieku wieħed isabbar xi ftit lill-ieħor.

Meta darba bdew ireddnu bejniethom dwar kif ma jistgħux ilaħħqu ma' l-għoli dejjem akbar tal-ħajja, għax la l-wieħed u l-anqas l-ieħor ma gawda xejn miż-żjidiet kollha li kienu ngħataw, huma lemħu lil Ġomu Borg iberraq għajnejh lejhom il-ħin kollu.

Ġomu Borg, jew aħjar Ġomu "Xewka", għax hekk kienu jsibuh fir-raħal tiegħu, ma damx ma ħalla t-tentazzjoni tegħelbu biex ikun jaf kollox x'inhuma jgħidu.

Għalhekk qam minn postu u ċeqlem ċeqlem resaq lejhom biex kieku jkompli jpaċpaċ magħhom bla ma qies jekk kellhomx aptitu.

Billi t-tnejn kienu jafu xi bniedem seksieki kien, huma fis qatgħuha li jħalluh b'xiber imnieħer fil-ħsieb ta' moħħu.

Biex kieku quddiemu ma jaqgħux fil-muta, Zanzu Paċ dlonk ħaseb li jgħaddih xi ftit bid-dgħajsa, billi — bla ma nstaram — tkellem bħallikieku kien wasal f'nofs xi storja dwar fatati.

"X'fatati, fatati!" qabeż qallhom Ġomu "Xewka"...... "Mela intom ukoll boloh?...... Temmnu bil-ħares u l-fatati?!...... Dawn kollha ħmerijiet ta' żmien il-bużnanniet, għax dawk kienu jgħidu li ġie li raw Tork nanu b'baffi daqshiex u bil-kabozza f'rasu jiekol magħhom il-ħobż imfittet mill-istess skutella tagħhom".

"Għala le?", wieġeb Ġanni Fenech. "Staqsi lil min ra b'għajnejh u sama' b'widnejh biex tara xi jgħidlek dwar il-ħares, spirti u fatati!"

"Kunu afu li ħadd minnhom ma ra xejn... Kull min qal li f'għomru ra xi fatat, allura bilfors li jew ħolom inkella għoġbu joqgħod iħarref lil xi qabda nies imzazen", kompla Ġomu.

"Hekka mzazen ma tgħidilniex għax malajr insemmilek nies li bis-saħħa tal-ħares saru għonja, għalkemm qabel ma kellhomx għaxja ta' lejla," tmasħan Zanzu.

"Naf għal min qiegħed tgħid," qatagħlu kliemu Ġomu. "Inti qiegħed tgħid għas-Sur Victor Attard".

"Daqshekk hu," tkellem mill-ġdid Zanzu Paċ, "għax min ma jafux lil dak il-proxxmu li raqad bil-ġuħ u sebaħ igħum fl-għana kollu tad-dinja?"

Imma Ġomu Xewka, li kien jaf lis-Sur Attard wisq aqwa minnhom fis fehemhom kif bla ħsieb ta' xejn dak sar sinjur għax wiret ġid kbir imħolli minn wieħed għażeb imsiefer li ma kellu lil ħadd ħliefu min jiġi b'xi mod minnu".

"Għall-kuntrarju," hu żied igħid: "Il-ħares ta' żmienna hu aktarx xi impustur jew imbruljun mill-aqwa"... Tismagħhom, igħidulek li l-ħares qal lil Gerit li fil-kantina għandha ssib il-flus, imma li jekk titkellem, jinbidlulha f'bebbux... "Dik ma tkunx ħlief mossa ta' xiħadd m'għandux x'jagħmel għax jaf li n-nisa ma jżommu l-ebda segriet... Araħ għalhekk minn xi sprall imwarrab jibda bilmoħbi fid-dalma tal-lejl iferragħ mimli ġewlaq minn dak l-imbarazz, li kien ħabbrilha illi b'kastig kellha mbagħad issib".

"Allura trid tgħid li dik l-istorja kollha ta' flus mibdulin sikwit f'bebbux min jaf f'kemm-il kantina, hija ħrafa?" waqqfu Zanzu b'leħen għoli.

Xejn inqas imdagħdagħ Ġomu dar fuqu, igħidlu: "Dak m'hu xejn ħdejn il-kas ta' ċerta Lieni li bl-istess skuża tħalliet għal mejta b'xebgħa mill-ħares, biex imbagħad inkixef li ma kinetx ħlief vendetta ta' żagħżugħ kollu mgħaddab għax tilef imħabbitha għax iżżewġet lil ħaddieħor".

"Anzi... anzi, ħalli nsemmilkom oħra li ġrat lili stess bla ma nixtieqkom tgħodduni b'xi żatat jew giddieb... Inkun, mela, ġej mill-Imtarfa bil-mixi għax ma lħaqtx il-karrozza ta' l-aħħar. Meta wasalt l-Imrieħel f'tarf Birkirkara, nilmaħ bħal ruħ liebsa l-abjad miexja 'l hawn u 'l hemm fuq dawk l-arkati ta' l-Akwedott. Minn dawl, li kull ftit passi beda jinxtegħel quddiemha, ilmaħtilha wiċċ ta' mewt".

"Ngħidha, kif inħossha, jiena tkexkixt kif ilmaħtha quddiemi".

"U żgur li tkexkixt," lissen Ġanni Fenech.

"Imma, meta fettilli ninqeda bir-revolver li kelli fuqi billi sparajtu fl-ajru, sibt li jien innifsi sirt il-fatat għal dak it-taparsi fatat li deherli."

"Ma nistax infissrilkom kif twerwer mal-ħoss ta' l-isparatura, u kif wara stqarrli kollox... dwar kif ried ixerred għajdud fuq dehra t'erwieħ jiġru f'għalqa ta' wieħed biex kieku jibża' u jitlaqha ħalli mbagħad ibigħha lilu bi ftit flus".

"Kellek almu tassew biex werwirtu daqshekk," lissnu t-tnejn, waqt li għamżu baxx baxx lil xulxin.

Bla ma ta kashom f'hekk, Ġomu dawwar il-kliem fuq xi drabi jkunu l-għajnejn li jqarrqu b'dak li jkun. Hekk għallinqas ġara darba lilu.

"Ma nistax niftakar," huwa stqarr: "Kemm għajjatt u werżaqt meta ħsibt li l-ħares bidel il-mara taz-ziju Kola f'żewġ nisa jixxiebhu minn fuq s'isfel; il-waħda magħtuba f'sodda u l-oħra qisha suffarell, tielgħa tiġri t-taraġ. Tistgħu taħsbu kif bqajt meta sirt naf li z-zija jkollha dejjem xi ħadd minn ħutha magħha, u dak in-nhar biha ħaslu kien hemm fid-dar żewġt aħwa tewmin; il-waħda ddur bl-oħra. U allura kienu tnejn minn nies jixbħu lil xulxin u mhux waħda, kif ħsibthom jien."

Imbagħad hu spiċċa jgħid: fi ftit kliem, la hemm ħares... la hemm spirti... u l-anqas fatati mniex wieħed jibża'.

Dejjem bil-għan li jxejjinlu kliemu, Zanzu qallu: "B'dana kollu, żgur li m'għandekx ħila tmur toqgħod fir-razzett li għandi fuq ir-riħ ta' Wied Qirda!"

"Iss... għala le, wieġbu Ġomu, kollu kalm, "basta bla ħlas, l-aktar bħal issa li sibtni fi żmien li ili għomor ma naqla' sold, la x-xogħol tagħna skarsa mhux ftit".

"Mela għalik Ġom", offrielu Zanzu, għax hekk jew hekk il-post huwa vojt. U bik fih ikolli għallinqas dawk l-erba' bħajriet, li kultant niżra', indukrati. Imma ngħidlek li basta tabilħaqq u mhux bilkliem biss ma tibżax mill-ħares jew minn xi spirti oħra li minħabba fihom qatt u qatt ma stajt inwelli jew inqabbel dak il-post lil xi proxxmu".

"Kollu wieħed," kompla Ġomu. "Immur żgur, imqar jekk naf li sa nara l-ħares li jsemmu nofsu raġel u nofsu ħmar".

Għalhekk mas-sbiħ ta' l-għada Ġomu ġarr iż-żewġ xarbitelli li kellu; sodda tal-wieħed, gradenza nofsha msewsa, mejda, siġġu zopp u żewġ banketti għal dak ir-razzett li għalih deher l-aqwa palazz ħdejn dik il-kamra waħda li kellu ta' daqs li bilkemm kien jista' jdur fiha.

Wara x-xemx dawlija tal-jum waslet id-dalma ċappa tal-lejl, imma li għal Ġomu ma kienet t'ebda differenza għax l-ebda biża' ma

tnissel fih u fl-istess ħin xejn ma deher minn dak il-waħx kollu li bih kienu joħolmu.

F'dik il-ħajja ta' sfida lill-ħares u l-fatati Ġomu Xewka għadda ħames snin, seba' ġimgħat u tlett ijiem meta darba f'nofs in-nhar, nhar il-Ġimgħa, 14 t'Ottubru, 1960, hu kien qiegħed jieħu gost jitma' werqtejn ħaxixa lil tefgħa fniek li kellu jiġru ma' saqajh.

Bħas-soltu mansi, mansi huma kienu mdawrin miegħu, jieklu minn idejh meta f'salt wieħed baqa' tassew mistagħġeb jaraħom jitgerrxu jiġru b'ġenn fuqhom 'l hawn u 'l hemm jaħbtu u jitkissru malħitan u ma' kulma kellu fil-kamra.

Biex tagħqad ħa daqqa ta' borma li, mimlija minestra, ra ttirlu minn fuq il-kenur. Terġa' l-anqas il-kenur ma baqa' fejn kien għax dan ukoll ġie b'saħħa mwarrab minn postu u mitfugħ fuq soddet Ġomu biex bħallikieku jagħmilhielu ħuġġieġa waħda.

Meta ra hekk, hu allura ħaseb li dak il-post kien tassew post talfatati, imma li bilfors sa dak in-nhar kienu raqdu xi raqda ġmielha jew kienu għamlu xi safra mbiegħda u li meta stenbhu jew ġew lura, tgħidx kemm għaddbu li sabuh ħadilhom posthom.

Terġa' meta aktar milli fehem li ma ridux iħallulu x'jiekol u fuqhiex jorqod, hu ħasshom igħolluh mill-art biex jitfgħuh għand boxxla Torok mill-bieb jew mit-twieqi li rahom jinfetħu u jinqalgħu miċ-ċaċċis weħedhom, allura bl-għajta mtennija ta' "Aħfruli, aħfruli, ma nerġax niġi," fis ħarab b'kemm kien għad fadallu saħħa bla l-anqas biss ħares darba waħda lura sakemm wasal ġewwa r-raħal.

Hemm hu baqa' sejjer dritt isib lil Zanzu biex igħidlu li sa dak in-nhar għamel fir-razzett tiegħu.

Hekk ried Zanzu, għax la s'issa fih qagħad Ġomu, allura m'għadhiex ħaġa kbira li f'qasir żmien isib lil min jikrih jew iwellih.

Mill-banda l-oħra Ġomu tgħidx kemm faġa f'demmu meta sama' lill-ġirien ifaqqgħu d-daħk għax qal li sa fl-aħħar hu wkoll għadu kif ra fih il-fatati, u sar jaf xi ssarraf ir-rabja tagħhom.

Hu ipprova kieku jwemminhom, imma d-daħk tagħhom żdied, kiber u sar aktar bil-qalb. Kollu mgħaddab telaq ħesrem għax deherlu li ma kien fiha l-ebda daħka.

Imma, meta l-għada qara kif f'Ħal Qormi u wisq aktar fil-Fleur-de-Lis, Birkirkara djar sħaħ iġġarrfu bit-tromba tal-biża' li kienet għamlet, hu malajr fehem għaliex Zanzu kien ħatfu fil-kelma kif ukoll għaliex dawk il-ġirien faqqgħu dak id-daħk kollu kif semma l-fatati.

# BLA MĦABBA

*Ta'* ĠORĠ BORG

It-tfajjel bla mħabba
Bla ħajr u mistrieħ
Fil-ħajja bla ħajja
La wens u la ġieħ !

Hu waħdu, fil-ħemda
Ta' ljieli xitwin
Imgħobbi bid-dwejjaq
U tari fis-snin.

Hu jaħseb u jogħtor
Fi ħsiebu għajjien
Fuq ommu u missieru,
"Tgħid mietu maż-żmien ?"

Hu jibki bla hedu
Fid-dlam ta' xortih;
Il-qalb qed iħossha
Tinfena ġo fih !

***

It-tfajjel bla mħabba
Bla ħajr u mistrieħ,
Fil-ħajja bla ħajja
La wens u la ġieħ !

Hu jgħix qalb is-safa
'Mma bin il-ħatjin
L, twennsu . . . . u nfirdu
Bil-għajb ta' xulxin !

---

# IL-BIEB TA' L-INFERN

(Minn id-"Divina Commedia" ta' Dante)

*Ta' P. JOS. CREMONA*

Minn dan il-bieb, erwieħ, tgħaddu għal ġewwa
il-Belt misħuta fejn għal dejjem jaħkem
l-uġigħ u n-nar... minn hawn lejn il-mitlufa
erwieħ imsejkna tgħaddu l-Qawwa t'Alla
ħalqitni għax huwa l-Imħabba w s-Sewwa. Dejjem
sa ndum; sa ndum sakemm iddum, kbir Alla.
Erwieħ, kull tama tagħkom ħallu hawn barra.
Dan il-kliem fuq il-Bieb jien qrajt li jwerwer,
u tlabt 'il sieħbi l-kliem biex ifissirli,
qalli: "Aħna ġejna f'din il-Belt mixgħula,
fejn hemm mitlufa dawk l-erwieħ li tilfu
id-dawl sabiħ tal-Għaqal. Ħadli idejja
l-Imgħallem u mxejt miegħu b'qalb qawwija.
Dħalna, w twerżiq ta' biża', għajat u biki
wasal f'widnejna w dagħa, tnehid u ħsejjes;
uġigħ u dlam u nar u dmugħ hemm rajna
w eluf ta' rwieħ hemm ġew jobogħdu 'l Alla...

# ROTI JDURU

*Ta' C. CASSAR*

Roti duru
Roti ħfief,
Mill-art aqbżu
Qiskom ċriev,

Iżfnu ż-żifna tat-titjira, donnkom eħfef mill-ħawwief.

Ġejja w sejra
Maħrubin
B'għaġla kbira
Misjuqin

Tixbhu l-ħsieb tan-nies ħaddiema, tixbhu l-ħolm tan-nies fqajrin..

Duru w tellqu,
Agħqdu sħiħ,
Iġri w ġerri
Daqs ir-riħ.

Kulma jsir, isir bil-għaġla, ma nafux x'inhu mistrieħ.

Iż-żrar tajru
Minn wiċċ l-art,
Naddfu t-toroq
Ta' l-asfalt.

La tħallux lil min jgħaddikom, iblaħ hu min jasal tard.

F'tul it-tliegħi
Ta' bla qies
Jibqa' fikom
Sħiħ il-jies.

Ma taqtgħux in-nifs fil-ġiri, għandkom qalbkom ta' dorbies.

Twennsu msieraħ
Wiesgħa w sbieħ
Sqaq iserrep
Tidħlu fih.

Ħitan tilmħu t'għonja mkabbra, jew ċnut baxxi tas-sejjieħ.

Taqsam l-oqsma
Misjurin
Tilwu f'toroq
Twal, mgħawġin.

Tilmħu għorof, djar u siġar, lura mtajra maħrubin.

Ma tbarrux
It-tagħbijiet
Mill-irħula
Għal ġo l-ibliet.

B'kaxxa ħlejjaq fuq spallejkom marsusin fil-bankijiet.

Uċuh fiergħa
Ta' bnedmin
Xejn ma jixbhu
Lil xulxin.

F'kaxxa ċkejkna dinja ssawru b'kull m'hemm tajjeb jew ħażin.

Wieħed f'rokna
Wisq ħosbien
L-oħra tpaċpaċ
Mal-ġirien.

Min jittawwal minn ġot-twieqi ħarstu timraħ fost l-ilwien.

Minn fejn ġejtu
Fejn sejrin?
Duru roti
Ħfief, ħajjin,

Alla jħares twaqqfu l-mixi, għax bla mixi l-ħajja tnin.

Nixtieq fuqkom
Nitla' jien,
Tiġru bija
Bla waqfien,

Minn ġor-riħ tal-beraħ wiesa' sa ma taslu f'tarf iż-żmien.

# DELEGAZZJONI TAL-AKKADEMJA TILTAQA' MAL-PRIM MINISTRU

Nhar l-Erbgħa, 3 ta' Awissu, delegazzjoni tal-Akkademja ltaqgħet mal-Prim Ministru fl-Auberge d'Aragon u fissritlu l-fehma tal-Akkademja dwar il-kwistjoni fuq l-Ilsien Malti li kienet qamet fil-Parlament.

Id-delegati kienu l-Professur Ġużè Galea, President tal-Akkademja, il-Professur Ġużè Aquilina u l-Patri Ġeżwita Rev. Ġużeppi Delia.

Id-delegati tagħna damu aktar minn nofs siegħa jitkellmu mal-Prim Ministru u fissrulu dwar il-qagħda tal-Ilsien Malti kif inhi fi żmienna, tkellmu fuq il-ħtieġa tal-ilsien nazzjonali l-aktar issa li Malta saret indipendenti, u semmew ukoll l-element ta' kliem barrani li qiegħed ikun mdaħħal bla bżonn fil-kitba Maltija.

Il-Prim Ministru wera li kien ġeneralment jaqbel ma' dak li qalu d-delegati, l-aktar dwar il-qagħda u l-ħtieġa tal-ilsien tagħna, l-aktar issa li Malta ħadet rajha f'idejha u bħala nazzjon indipendenti jixraq u jiswa li jkollha l-lingwa tagħha u mhux toqgħod tissellef lingwa stranjiera. Hu deher wkoll favorevoli li ssir xi ħaġa biex ma jibqgħux jidħlu bla bżonn jew kif ġie ġie, termini barranin fil-kitba Maltija, għax kliem jew termini barranin imdaħħlin hekk, bosta drabi jirridikolaw l-istil, għalhekk il-Prim Ministru wiegħed li jieħu parir minn għand id-delegati tagħna biex ikun adattat xi sistema ħalli ma jissoktawx isiru dawn l-iżbalji.

Id-delegati approfittaw minn dik l-okkażjoni u tkellmu ukoll mal-Prim Ministru fuq affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Ilsien Malti fl-Università u mat-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel.

# IL-FAMILJA MUSCAT AZZOPARDI U L-ĠIEĦ TA' LSIENNA

IL-MEDALJA ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI, imwaqqfa minn ulied l-ewwel President tagħna se terġa' tingħata. Din kienet aħbar li ferrħet mhux biss lill-Akkademja tal-Malti, imma lill-ħbieb kollha ta' Lsienna u lil kull min għandu għal qalbu l-Ġieħ ta' Pajjiżna.

Ħafna pajjiżi jinkoraġġixxu l-kittieba tagħhom b'medalji u premjijiet u llum mit-T.V. naraw sikwit l-għoti ta' dawn ix-xhidiet. Malta wkoll bis-saħħa tal-familja Muscat Azzopardi tagħraf il-ħila ta' min ikun tħabat u ħadem għat-tixrid ta' Lsienna, u l-magħżul (jew magħżula) issa se jiġi kull tliet snin ippremjat bil-Medalja Ġużè Muscat Azzopardi.

Fl-imgħoddi din ittieħdet minn Dun Karm, minn Ninu Cremona, mill-Prof. Ġużè Galea u minn Mons. Dun Pawl Galea, kollha magħrufin għall-ħidma diżinteressata u fejjieda b'riħet il-Malti.

Il-għażla did-darba, kif kulħadd kien jistenna, messet lill-Prof. Ġ. Aquilina li ilu jaħdem għall-Malti minn mindu kien għadu student, fost il-fundaturi tal-Għaqda tal-Malti Università. Kiteb dik il-ħabta studji fuq Dun Karm u Ġ.M.A.; wara għadda għal xogħlijiet lessikali, u meta nħatar Professur tal-Malti tħarreġ fil-Lingwistika u kiteb "The Structure of Maltese" u ġabar "Papers in Maltese Linguistics". Il-pubblikazzjonijiet tiegħu llum jingħaddu bil-għexieren, u ħafna studji tiegħu dehru f'rivisti barranin. L-aħħar xogħol, "Teach Yourself Maltese" kattar l-importanza ta' Lsienna fost l-istudjużi tal-lingwi.

Il-ħajr ta' l-Akkademja lis-sur Ġino Muscat Azzopardi, meċenat tal-Malti u l-ferħ ta' l-imseħbin kollha lill-Prof. Aquilina.

Imma l-familja Muscat Azzopardi ma kenitx kuntenta li tħeġġeġ lill-kittieba kbar biss fil-ħidma tagħhom għall-Malti; riedet tagħmel aktar. Kif fil-Matrikola jingħataw premju għat-Taljan, għall-Ingliż, għar-Reliġjon u xi suġġett ieħor, kien jixraq li jitwaqqaf PREMJU MATRIKOLA TAL-MALTI, li ma jkunx anqas mill-oħrajn. Il-premju llum sar u jismu ANNA MUSCAT AZZOPARDI, li jingħata lill-ewwel student fl-eżami ta' Ġunju u li jiswa £15.

Mhemmx għalfejn ngħidu kemm hu importanti dan il-premju. Kulħadd jifhem li jekk nistennew li jkollna kittieba tajba 'l quddiem, dawn irridu nħeġġuhom u ninkoraġġuhom f'żgħożithom. Dak li tiżra' taħsad, u nittamaw li dan il-premju ta' £15 iħajjar lill-istudenti tal-Matrikola jitħejjew aħjar biex ikollna kitba u studji aħjar fil-Malti.

Lill-ewwel rebbieħa tal-Premju ANNA MUSCAT AZZOPARDI, is-sinjurina Joyce Saydon, nixtequlha li tissokta tikteb bil-Malti u nifirħulha wkoll minn qalbna.

# IL-"JIEN U LILHINN MINNU" TA' DUN KARM

## POEŻIJA EŻISTENZJALISTA

*Ta'* KARMENU MALLIA

Il-"Jien u Lilhinn Minnu" ta' D. Karm nistgħu nsejħulha biċċa filosofija eżistenzjalista msawra b'sengħa u b'għaqal kbir f'poeżija li s'issa għad m'għandniex x'jisboqha fil-Letteratura Maltija.

Għax x'inhu l-Eżistenzjaliżmu? Hi dik il-Filosofija li taħseb u tgħarbel dak jew dak il-kas imdallam tal-ħajja mdejqa tal-bniedem jew, dak li l-Franċiżi li bdew dil-Filosofija jsejħu, 'angoisse'.

Il-filosfu eżistenzjalista jinġibed minn dak kollu li hu assurd, minn dak kollu li hu ma jistax jifhem u jħoll. Id-dinja hi assurda, igħidlek l-eżistenzjalista kontra Alla; id-dinja u l-ħwejjeġ l-oħra m'huma xejn! Int ikollok titqanna waħdek, tgħix u tara kif titħabbeb mad-dinja. Tħossok waħdek, abbandunat minn kulħadd, ukoll minn Alla.

Il-filosfu eżistenzjalista, nitkellmu dwar dak li mhux nisrani, dejjem jibża' għax iħossu qisu fl-arja. Issa li kieku l-libertà mhix ħlief raġġ irqiq ta' dawl, igħidlek hu! Li kieku r-ruħ tmut bħall-ġisem? Li kieku m'hawnx Alla? Allura aħseb, tħabat u fittex kif tista' toħroġ barra minn dak li m'għandux x'jaqsam mal-bniedem.

Hekk jitkellmu Sartie, Simon de Beauvoir, Berdiaeff, Kierkegaard, Nietzsche, Caruus u oħrajn.

Dan għalfejn qed ngħiduh? Għax bħalma ġa tkellimna, Dun Karm f'dil-poeżija tiegħu, jidhrilna li jittratta ħsibijietu jew aħjar is-suġġett tiegħu bħalma jittrattawhom l-eżistenzjalisti, b'eċċezzjoni waħda: li fil-waqt li l-eżistenzjalisti jwarrbu 'l Alla min-nofs, Dun Karm jersaq lejH biex jifhem u jħoll it-taħbil ta' l-għoqda li offrietlu l-ħajja.

Biżżejjed niflu l-ħjut irqaq li bihom hi maħduma dil-poeżija biex naraw kif Dun Karm huwa poeta eżistenzjalista.

"Ħsiebi bħal agħma", jibda l-poeta. Quddiemu għandu triq mudlama u f'dit-triq mudlama, il-ħsieb tiegħu ma jistax jaqbad *kif* se jterraq, il-mod li bih se jimxi; l-anqas *l-għala*, għalfejn se jimxi f'dit-triq.

Il-poeta jixtieq id-dawl, għax għalih x'inhu d-dawl, 'kk mhux it-turija tat-triq li hemm quddiemu? Tant jixtieqLu d-dawl il-poeta li fil-bidu darbtejn nisimgħux jokrob għalih:

L-ewwel: "Dalma kbira tostorlu l-kif u l-għala,
u d-dawl li hu jixtieq qatt ma jiddilu".
Imbagħad: "Għajjew għajnejja tħares bla ma tara,
U qalbi nfniet. Min se jagħtini l-hena tad-dawl sabiħ?..."

Il-biċċa hi li d-dalma ma laqtitlux biss ħsiebu imma wkoll qalbu. U hawn għandu raġun għax il-ħajja tal-bniedem mhix magħmula biss mill-moħħ imma wkoll mill-qalb.

L-ewwel żewġ taqsimiet tal-poeżija jdoqqu daqsxejn egojisti. Dan narawh meta nqabbluhom mat-tielet strofa x'ħin jibda biex jitbiegħed minnu nnifsu.

Iħares madwaru u jara x-xemx tagħti l-ħajja lill-ħolqien kollu; imma jaħasra lilu ma tagħmillu ebda ġid, għalkemm hawn qisu sab xi jferrħu xi ftit: "

"...................... Dehra ħelwa!
dehra sabiħa li bennitni f'ħolma
ta' poeżija u bħal raqqditli s-sensi".

U dal-ferħ li ħass ġo fih, mhux forsi rigal kbir talli tbiegħed mill-egojiżmu tiegħu, mill-"Jien" tiegħu, minnu nnifsu?

In-natura, mitlufa f'lejl mimli kwiekeb, ġagħlitu jerfa' ħarstu 'l fuq u b'hekk spiċċa biex neħħa kull toqol li kellu fuq qalbu b'talba mimlija tama:

"...................... Mulej, urini
it-triq tal-hena; ixgħel ġewwa ħsiebi
id-dawl tal-fehma u minn fuq qalbi neħħi
l-għoqda ħarxa tad-dmugħ".

Jistax il-poeta jkun aktar sinċier u umli? Għax mhux talli qed ifittex, imma talli qed jitlob biex isib id-dawl li jista' jixgħellu ħsiebu.

U hawn jiltaqa' mal-filosfu kbir l-ieħor: S. Wistin. Dan ukoll fil-filosofija tiegħu fittex ix-xjenza jiġifieri l-metodu, il-mod biex bih jasal x'imkien. Fejn? Għall-'Għerf', l-għerf li hu l-milja tal-verità li biha r-ruħ tista' tistagħna. Issa l-għerf tar-ruħ, min hu jekk mhux Alla nnifsu? Għalhekk S. Wistin meta kien qed ifittex l-għerf kien qed ifittex 'l Alla.

Dun Karm jagħmel l-istess u biex żgur isib dan l-għerf talab lil Alla:

"...................... ixgħel ġewwa ħsiebi
id-dawl tal-fehma ......................".

Li tifhem ma jfissirx ħlief li tara bid-dawl tal-moħħ u skond S. Wistin meta wieħed ifittex 'l Alla, ġa qed jagħrfu, billi x-xjenza hija l-għerf u l-għerf hu Alla stess.

U hawn insibu ruħna wiċċ-imb'wiċċ mar-ruħ; għax quddiem il-poeta tagħna l-ħlejjaq neżgħu l-libsa tal-materjalità tagħhom. Infatti

x'qed jisma' issa l-poeta? It-tħaxwix tal-mewġ u l-leħen tar-rużinjol. Mhux qed *jarahom* daż-żewġ ħsejjes, qed *jismagħhom* joqorbu lejh. L-ispirtu qed jaħkem il-materja, ir-ruħ lill-ġisem.

Allura x'differenza issa mal-bidu tal-poeżija fejn b'dit-talba li ġejja kien wera ruħu ftit jew wisq iddisprat?:

"Għajjew għajnejja tħares bla ma tara,
u qalbi nfniet. Min sa jagħtini l-hena tad-dawl sabiħ?...

Meta fil-bidu l-poeta kien magħruf fih innifsu, issa talbtu hi mdawla bit-tama:

"......................Mulej, urini
it-triq tal-hena .................".

Forsi ma bediex jiddilu tassew, bla ma jaf, dak id-dawl li kien jixtieq u li nebbhu jislet talba hekk ħerqana?!

Imma minkejja t-talba, il-poeta jibqa' bla tweġiba! Kollox baqa' kif kien quddiemu: ħsiebu baqa' mdallam u qalbu mdejqa.

Imbagħad quddiemu tfiġġ il-problema tad-deni u tal-ħażen, problema li nkwetat u ħawdet tant u tant imħuħ qablu. U la ebda sbuħija ma tatu d-dawl li talab għalih, il-poeta beda jitlef kull tama:

"... għal min jitlob ħniena", igħid il-poeta,
"X'tiswa ta' kobor u ta' ġmiel turija?"

Imma ħej, f'dit-telfa ta' għaja, il-poeta jiftakar fi kliem ommu. Din ommu kienet qaltlu darba li hemm Alla u qaltlu wkoll biex meta jkun imdejjaq u mnikket, idur lejh. U qisu ħa r-ruħ meta ftakar f'kelmiet ommu:

"...................... qatt, ibni, la tinsa
il-kelma t'ommok; ommok tgħid is-sewwa".

Għalhekk skond ma kienet għallmitu ommu, reġa' talab 'l Alla jtih id-dawl. Reġgħet ma waslitlu l-ebda tweġiba.

Aktar ma l-poeta mgħakkes, miskin, aktar isib xi jgħakksu: ħsieb ieħor ikreh għadda minn moħħu. Beda jħewden fuq il-bidu u t-tmiem tal-ħlejjaq. Fejn hu l-bidu tal-ħwejjeġ maħluqa? U dawn meta se jtemmu? U xi jfissru t-tajjeb u l-ħażin? Ħsieb ħażin beda jiġbed 'il ieħor f'katina waħda. U għanna:

"................. Mhix ħolma ewwilla
dik it-Tjieba Ħanina.........
min qatt issamma' fil-ħolqien u sata'
jisma' leħenha? Min qatt ra dawl wiċċha?"

Id-dubju, il-ħsieb ħażin li Alla ma jeżistix, ma naqasx jitturmentah. Imma allura kif jista' jkun li ommu għallmitu ħażin meta kien "fl-iskola ta' ħoġorha"?

Hawn Dun Karm jintilef f'delirju kbir għat-tifkira tat-telfa t'ommu. Tant it-tifkira tagħha tidħol fih u tant jistħajjilha madwaru

li jipprova jgħannaqha,

"iżd'ahi! meta xewqan"..., igħid Dun Karm,
"immidd dirgħajja
biex ingħannaqha, ma nsib xejn fi ħdani".

Il-versi fuq ommu f'dil-parti tal-"Jien u Lilhinn Minnu" jdommu wieħed mill-isbaħ innijet, wieħed mill-isbaħ tifħir ta' mħabba li l-poeti kultant igħannu b'fehma barranija.

Għalhekk Dun Karm mhux sejjer ma jemminx lil ommu, għalkemm ħatfitha l-mewt.

Il-Mewt! Allura x'tiswa l-ħajja la l-mewt taħsadha f'qasir il-għomor? U dan mhux ħela ta' żmien tgħix biex imbagħad tmut?

"...... Mhux bin il-għaqal", ilissen,
"tibni biex tħott, tpinġi s-sabiħ u tħassru".

Dan qalitulna fi kliem ieħor il-poetessa Amerikana Emily Dickenson: "Il-mewt hija djalogu kbir bejn ir-ruħ u l-ġisem".

U dan ukoll irid jurina Dun Karm meta jgħaddi biex jirrakkuntalna kif f'Novembru waslitlu karba minn ġo Ċimiterju. Jilmaħ tifel liebes l-iswed isejjaħ lil missieru mejjet... u missieru ma jweġibx.

Il-poeta f'dat-tifel itina ritratt tiegħu nnifsu. Hu wkoll qiegħed igħajjat lil missieru, lil dik il-Qawwa setgħana li qed ifittex bla ma tasallu tweġiba waħda. Imma l-mewt mhix qiegħda biss fiċ-ċimiterju, le. Qiegħda wkoll fuq l-art li fuqha qed iterraq il-poeta u fuq kollox ġo ħsiebu stess u ġo qalbu. Hu nnifsu jgħidilna:

"Bir-reżħa ġewwa qalbi, id-dlam ġo ħsiebi". U bil-kliem: "Il-Mewt qiegħda fuq kollox", il-poeta jinfexx f'għajta ta' pessimiżmu kbir. Kollox jurilu d-dwejjaq tal-ħajja: ix-xemx imkeffna, in-nuqqas ta' ħaxix aħdar... Imma dan kollu ġej minnu stess, hu li qed jara kollox ikreh għax qalbu kiesħaa u ħsiebu mdallam. Ħabat qata' qalbu. Għalfejn jaqbad it-triq, ladarba xejn ma jista' jtih dak li qed ifittex u billi l-mewt tidher kullimkien?

U x'inhi l-mewt, jistaqsi? It-tweġiba jeħodha minn għanja ta' bufula u minn fewġa li għaddiet u waqqgħet xi weraq niexfa mill-balluta, għalkemm dil-balluta xorta waħda baqgħet tgħanni l-għanja tal-ħajja. Allura dil-bufula li ma taqta' qatt tgħanni, u dal-weraq li jitwieldu u jmutu, huma aqwa mill-bniedem? U dawn, kif igħannu dan l-għana kollu bla ma jibżgħu mill-mewt?

U f'salt jisma' leħen moħbi jċanfru: 'kif trid tifhem il-ħolqien, int? Int għad tmut u l-ħajja tibqa' tgħix u tmut warajk bħalma kienet tagħmel qabel. Int qiegħed fli qiegħed, issokta l-leħen, għax qed tara d-daħna maġenbek u d-dawl 'il bogħod minnek m'intix tarah. Ġo fik, int tħoss li tixtieq tibqa' tgħix għal dejjem, mhux bħall-ħwejjeġ l-oħra li jmutu. Bħalma tagħmel il-qamħa f'uliedha,

biex tibqa' tgħix trid tmut; mhux biss, imma l-ewwel trid tifraħ bil-mewt biex imbagħad tifraħ bil-ħajja:

"...... u mhux għaqli
Tibki lill-qamħa u ma tifraħx bis-sbula".

Il-qamħa mietet u nibtet iż-żerriegħa tagħha. Kull ċaħda magħmula b'rieda qawwija taħt il-ħakma tar-raġuni, tkun dejjem imħallsa. Imma trid dejjem tbati biex wara tifraħ.

F'salt wieħed il-poeta jinduna li qed jitħaddtu flimkien il-ħsieb u l-qalb. Il-ħsieb qam fuq ruħu imma ħass il-Qawwa barranija taħkmu u tgħaffġu; għalhekk ħassu jixxejjen bħalma jixxejjen dawl musbieħ il-lejl hekk kif dawl ieħor qawwi jitfa' raġġtu fuqu. Il-ħsieb qisu għadab f'demmu u qagħad jistenna l-aħħar taħbitiet il-qalb. Nisimgħu kliem il-ħsieb:

"...................... kull taħbita
tgerrem dqiqa minn ħajtek: meta l-ħeġġa
tan-nervi li jħaddmuk, tad-demm li jsaħħek
tintemm u inti tiskot, forsi nkunu
nafu x'hemm moħbi ......"

Għalissa l-qalb qed titbiegħed mill-ħsieb, minn dak li jrid ikun jaf. Meta l-qalb tieqaf, jiġifieri meta jmut, kemm il-ħsieb u kemm l-għerf li qed ifittex jiltaqgħu. Issa billi *jrid jifhem,* billi jiġifieri l-Intellett u l-Volontà jaħdmu flimkien? M'hemmx dik il-Qawwa li twaddbu hekk bogħod minnha li ma jasal jifhimha qatt?

Imma għalkemm il-moħħ jixtieq il-waqfien tal-qalb biex jifhem dak li hemm moħbi, il-qalb min-naħa tagħha trid timxi id f'id malmoħħ. Għax meta l-moħħ mhux f'sikktu, il-qalb tiddejjaq.

Il-moħħ jaħseb; il-qalb tħobb. Jekk wieħed ifixkel 'il oħra jew waħda lil ieħor, xejn ma jimxi tajjeb. Il-moħħ jistudja u jiskopri ħwejjeġ ġodda fin-Natura. Jekk dan jaqta' *qalbu,* għax isib xi tfixkil, il-qalb tonqsilha l-ħajja. Nisimgħu l-poeta xi jgħid, fil-ħin li jpoġġi l-moħħ u l-qalb f'kull keffa tal-miżien.

"Jista' qatt il-miżien jiddaqqas f'sikktu
jekk keffa tkun mimlija u l-oħra fiergħa?"

Kif qed naraw, dit-taqbida bejn il-moħħ u l-qalb hi kollha kemm hi spiritwali u mhux materjali.

Kulħadd b'xi salib fid-dinja u l-poeta jħoss li wieħed mis-slaleb tiegħu hu dan: il-ġlieda bejn moħħu u qalbu. Għalhekk jerġa' jħoss id ommu fuq ġbinu u jismagħha titbissimlu:

"Kulħadd imsallab għax Kristu msallab"; Hu li għamel dalġisem fin, tefa' ġo fih salib. Fejn hemm il-ħajja hemm ukoll it-tbatija. Issa das-salib jagħti wkoll il-frott tiegħu: frott ta' hena u ta' ħelsien. Il-bniedem, tissokta ommu, daru band'oħra mhux hawn u r-raġuni

ta' kollox tidher ċara biss f'dik id-dar 'il bogħod minn hawn. Għal-hekk, kompla leħen ommu:

"Iżjed la tistaqsix. Jekk trid ġo ħsiebek
is-sliem u l-hena ġewwa qalbek, emmen!"

Din l-istess kelma 'emmen' qaluhielu wkoll is-smewwiet, l-art, il-baħar, kulħadd *a modo suo*, min bil-kelma u min bis-sbuħija. Hawnhekk nistħajjilni qed naqra l-versi tal-poeta Ġeżwita Gerard Manley Hopkins li fil-poeżija tiegħu kien ifaħħar 'l Alla mhux biss fil-ħwejjeġ sbieħ imma wkoll koroh. Mhux kollox ħlejqa t'Alla? Dan insibuh mhux biss fil-poeżija: "Pied Beauty' imma wkoll, u l-aktar, fil-poeżija grandjuża u majestuża: 'The Wreck of The Deutschland'.

Dun Karm jurina biċ-ċar u jgħallimna li meta l-egoċentiżmu li kien ibaqbaq fih fil-bidu ġablu biss ħsibijiet li qatluh u li ma wassluh imkien ħlief għad-disperazzjoni, issa fl-altruiżmu jsib is-soluzzjoni tad-diffikultajiet tiegħu kollha.

Minn... "dik id-dalma sewda,
bħal marda li tittieħed, tnissel f'qalbi
u ddawwarha bin-niket......"

wasal biex fl-"Emmen, Emmen!"

"........... fl-egħrien ta' qalbi
il-kelma tas-smewwiet, ta' l-Art, tal-Baħar
baqgħet tidwi bħal arpa wara l-aħħar
messa tal-kordi minn idejn l-imgħallem".

Kemm għadda minn toqol, kemm ħass twegħir, il-poeta! Imma s'issa kien għadu miexi fi triq waħda "itektek bil-għasluġ kull pass li jagħti". F'daqqa waħda jasal f'post fejn dit-triq tinferaq fi tnejn quddiemu. Imma liema hi t-tajba minnhom it-tnejn? Meta wieħed isib ruħu bħal poeta tagħna, l-ewwel ma jibda jistaqsi hu permezz tas-smigħ u tal-ħars. Kif? Iħares... biex jara *jilmaħx* 'Dar il-Hena' li qed ifittex; jiftaħ widnejh... biex jara *jismax* min igħidlu: 'Din triqtek'. Il-poeta, wieqaf quddiem il-Ħajja li issa nferqitlu fi tnejn. U dil-Ħajja għal Dun Karm bdietlu, bħalma tibda għal kulħadd, bħala ħolma jew nofs raqda. Imbagħad stenbaħ, ġie f'sensih u stagħġeb kif quddiemu dehru żewġ triqat li huma: l-*persuna tiegħu* stess u l-*persuna ta' l-oħrajn bil-ħolqien kollu.*

Hekk Dun Karm sab li daż-żewġ triqat ma kinux ħlief il-"Jien" tiegħu, iġifieri hu stess u "Lilhinn Minnu", dak kollu li mhux hu. It-triqat issa għaraf x'jisimhom; jaf min hu hu u min huma l-oħrajn u x'inhu l-ħolqien. Biss... ma jistax jaqbad liema minnhom lesta biex twasslu għal 'Dar il-Hena' fejn għandha tistrieħ qalbu u d-'Dar tad-Dawl' fejn hemm id-dawl meħtieġ biex idawwal lill-intelliġenza u r-raġuni tiegħu.

Madwaru deher ġmiel ir-Rebbiegħa li beda jsaħħru, imma ra wkoll li ftit 'il bogħod kien hemm iċ-ċpar igħammixlu għajnejh. Meta qisu beda jara ċar: ... ra ż-żewġ triqat quddiemu ċari kemm jista' jkun u għarafhom sewwa, imbagħad ġmiel ir-Rebbiegħa li kien beda jaħjih xi ftit, feġġlu ntopp ieħor: iċ-ċpar. Xtaq li kieku jinfed daċ-ċpar u jmur 'il hinn, 'il fuq minnu biex jara jistax jifhem x'hemm moħbi f'dik is-saltna mgħottija.

U ħassu ċkejken, il-poeta, quddiem dawk il-
"... ħitan tal-bronż li ebda saħħa ma tista' ġġarraf...."

Hawn qalbu bdiet titnikket minħabba xi tifkiriet li bdew deħlin fiha. Tifkiriet ta' xogħol u ta' sagħra, nieqsa minn kull hena u serħan. Mela allura kollox frugħa!

"...... oh frugħa fiergħa
ta' ġid, ta' għerf, ta' kobor u ta'... Mħabba..."

L-imħabba wkoll dehritlu fiergħa. Imma fejn tidħol l-imħabba, Dun Karm bħall-poeti u l-artisti kollha, ma tilgħablux. "Waqaft" igħid Dun Karm, qisu miblugħ u mriegħex b'dak li għadu kemm qal kontra l-imħabba. 'Waqaft!' Għaliex? Għax quddiemu għal darb'oħra dehritlu x-xbieha t'ommu!

"...................... Ħelwa
kienet id-daħka fuq xofftejha; ħelwa
id-dija rżina ta' ħarsitha; ħelu
dak wiċċha qamħi taħt il-kotra bajda,
ta' dlielha bellusin......"

Fakkritu dik id-dehra kemm kien iħobbha fi tfulitu u malajr iddispjaċih ta' dak li qal qabel. Hu li tant kien iħobb lil ommu, allura dik l-imħabba lejn ommu m'hi xejn?

"Le", iwieġeb hu stess, "l-Imħabba ma tmutx! L-Imħabba tisboq kull żmien, u tofroq dik is-saltna sewda
li taħkem il-ftit dawl li hawn madwarna".

"................. Għidli j'ommi,
tmut l-Imħabba bil-Mewt?......"

Le l-Imħabba ma tmutx, għax jekk Alla jiċħdilha l-kobor tagħha, Hu li mlieħa b'xewqat kbar, ikun qed jiċħad Lilu nnifsu. Għidli mela, j'ommi, jissokta Dun Karm, għidli j'ommi li għadek tħobbni u li għad niltaqgħu xi darba flimkien.

Minn dik id-dehra ta' mewt u ta' qtigħ il-qalb, ħsiebu jmur fuq is-sbuħija tan-natura. Id-dehra tal-ward, ħamiem u baħar, tferrħu. Din l-imħabba li ssaltan fin-natura ġagħlitu jressaq idejh ma' xulxin, jinżel għarkubtejh u jitlob:

"Erfajt għajnejja 'l fuq, idejja ltaqgħu
swaba' ma' swaba' u bħal ma jagħmel tfajjel

meta tmissu l-id t'ommu, inżilt qajla qajla
għarkobtejja fuq l-art ħadra bin-nifel".

Issa l-poeta beda jistrieħ u dik l-għoqda li kienet qed tagħfas fuq qalbu u toħonqu, bdiet bil-mod-il-mod tinħall u tgħib. Lejh beda riesaq qajl qajl serħan il-qalb li kien tant ifittex u jixtieq.

"Siket il-"Jien" ġo fija..........."
"Hekk kif siket il-"Jien", fuq moħħi u qalbi
ġiet il-fewġa tas-sliem..........."

Hekk l-egojiżmu tiegħu neża' għal kollox il-libsa tas-suppervja u ta' l-egħluq fih innifsu. Qawwi minn fejn kien għarkubbtejh mibdul u qisu bniedem ieħor. U hawn ftakar li darba ommu qaltlu: "Il-Jien għadu tas-sewwa". Dun Karm, li bħal Nietsche ried iġib lil Alla taħtu, joqtlu biex isaltan waħdu fuq il-ħsieb u l-imħabba tiegħu stess, bħal kull min ikun mimli passjonijiet ħżiena li jtihom il-lala, Dun Karm issa beda jifhem dak kollu li kienet qaltlu qabel ommu:

"................... Jekk trid ġo ħsiebek
is-sliem u l-hena ġewwa qalbek, emmen".

U b'dil-kelma 'emmen', Dun Karm issa qed iwaqqa' u jarmi dawk il-ħsibijiet kollha li kienu għaddewlu minn moħħu qabel. Issa qed jara li l-argumenti u t-tmaħħiħ tiegħu ma kinux ħlief allat foloz u bla sens li kontra tagħhom jipprietka l-ewwel Kmandament. Qabel, Dun Karm kien miexi ħażin. Kien jaħseb biss fil-werqa li qed taqa' bla ma kien jagħti kas tas-siġra, filwaqt li Alla mhux bħalu. Alla f'kollox jaħseb.

Dun Karm għaraf sewwa li 'temmen' tfisser tiċħad lilek innifsek u tagħraf li Alla sew u qawwa. Għax kollox jitbiddel, ħlief Alla. Issa Dun Karm qed jisimgħu sewwa 'l Alla, għax Alla għalhekk għamel 'il-bniedem fieragħ, ma jiswa' xejn mingħajru, biex ikollu jdur lejH u b'hekk jimlih biH innifsu. Xi jrid aktar il-poeta issa li għaraf lil Alla, u kważi messu b'idejh b'mezz ta' ħsiebu u ta' qalbu?! Jonqsu biss li jtenni l-Innu ta' paċi u ta' ringrazzjament bħalma fit-Tempju ta' Ġerusalemm Xmun tenna n-'Nunc Dimittis' tiegħu. Wara li għadda mill-wied mudlam ifittex u jistenna d-dawl tal-ħelsien, id-dawl, feġġlu bla ma kien jistennieh.

"Issa mexxini Int, ja Dawl tas-sema
Biex ma nerġax fil-għama ta' kburiti".

Rażżan fiha, jrid jgħidlu l-poeta, il-Jien, l-egojiżmu tiegħi, biex tgħix fija Int biss, waħdek.

Dun Karm itemm il-"Jien u Lilhinn Minnu" b'żewġ versi li jħaddnu l-poeżija kollha u l-ħsus ta' qalbu u moħħu mixgħula bid-dawl ta' l-hena u tal-ħelsien:

"Issa mexxini Int, għax fik biss nagħraf
il-għajb tal-"Jien" u l-ġmiel ta' "Lilhinn Minnu".

Dun Karm għarqan u mixrub wara ġlieda bħal din f'ruħu wasal kuraġġjuż u ferħan bħalma wasal ir-raġel xwejjaħ ta' Hemingway li fir-rumanz tiegħu: "The Old Man and the Sea" ipinġihulna bħala bniedem li tqabad ma' ħuta kbira. Imma x'ġieb miegħu lejn ix-xatt? Biss l-iskeletru tagħha. Imma l-kuraġġ u l-qawwa ma ntfewlux. Hekk Dun Karm, il-kuraġġ tiegħu swielu ħajtu, imma wasal qawwi u sħiħ għalkemm ruħu mqattgħa u għajjiena.

Bħalma rajna f'dil-poeżija Dun Karm, bħall-filosfi u l-poeti eżistenzjalisti moderni jirrifletti l-inkwiet ta' qalb li mhi qatt kuntenta, tfittex dejjem li tgħarbel u tifhem il-ħolqien.

Minn Goethe sa Thomas Mann, minn Chateaubriand sa Mauriac u Blake, il-kittieba fix-xogħlijiet tagħhom m'għamlux ħlief jittraduċu fi kliemhom id-dwejjaq, l-'angoisse' ta' żmienhom, li huwa l-għelm ewlieni ta' l-eżistenzjaliżmu. Ma' dawn nistgħu bil-libertà kollha ndaħħlu 'l Dun Karm li, bħal Berdiaeff, studja bir-reqqa kollha eżistenzjalista ta' dak li hu divin u ta' dak li hu uman.

---

# ISMIJIET TA' DWIELI U GĦENEB

*(Jissokta ma' dak li deher taħt "Varia atque Breviora" fl-aħħar ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Ġunju).*

*Ta' A.C.*

1. *AWISTA BAJDA*—minn dielja qadima. Għeneb tajjeb għall-ikel.
2. *AWISTA SEWDA* — Għeneb għall-ikel. (Tal. Agostinga nera).
3. *BEŻŻULA BAJDA* — Għeneb fin għall-ikel.
4. *BEŻŻULA RATBA* — Għeneb fin għall-ikel. Dielja tajba għal fuq il-kannizzati.
5. *BEŻŻUL IL-BAQRA* — Għeneb għall-ikel.
6. *BUTTUNI DI GALLU* — Għeneb għall-ikel.
7. *BUTTUNI DI GALLU ISWED* — Frott tajjeb għall-ikel
8. *KALABRIŻA BAJDA jew SERKUŻAN ABJAD* — Tajjeb għall-ikel.
9. *KATLAN ISWED jew SPANJOL* — Tajjeb għall-ikel.
10. *KATLANA SEWDA* — Tajba għall-ikel, ukoll għad-deżerta.
11. *KATLANA BAJDA* — Tajba għall-ikel.
12. *DAMASKINA BAJDA u SEWDA*—Tajba għall-ikel—frott fin.
13. *ĠELLEWŻA jew ĠELLEWŻA SEWDA* — Tajba għall-ikel.
14. *ĠELLEWŻA ĦOXNA TAL-MADLIENA* — Varjetà tal-*ĠELLEWŻA SEWDA* — Tajba għall-inbid.
15. *ĠELLEWŻA TWILA* — Tajba għad-deżerta.
16. *GORBIN jew GORBINA jew KORBIN* (Għawdex) — Tajba għall-inbid.
17. *GRINJOLA jew GRINJOLIN tal-BIŻBEŻIJA* — Tajba għall-inbid.

# REĊENSJONIJIET

"**ID-DINJA ROTA**" ta' Ġużè Galea. (Rumanz, pp. 396, "Veritas Press", Żabbar).

Ir-rumanz ID-DINJA ROTA deher ftit ftit fi "Il-Ħaddiem", leħen il-għaqda Żgħażagħ Ħaddiema Nsara. Illum, ir-Rumanz jinsab miġbur fi ktieb u nistgħu nweżnuh aħjar għax jinsab f'idejna mill-bidu sat-tmiem.

It-tama tiegħi hi li r-Rumanz mhux biss jaqrawh iżda jixtarruh. Mhux kitba li taqraha u spiċċa. Jidhirli ħsieb il-kittieb kien mhux biss li l-qarrej igħaddulu minn moħħu ħsebijiet dwar x'ried igħid l-Awtur, il-professur Ġużè Galea, bil-ġrajja li ħoloq, ladarba kif wissa hu fil-bidu: "Dan ir-rumanz ma hux miktub biex il-qarrej jitgħallem l-istorja ta' Malta minnu għalkemm fih jissemmew persunaġġi u ġrajja storiċi."

Naqbel mal-Kittieb li wissa li r-Rumanz mhux xi għaġna biss ta' kliem f'ħalq nies li għexu u mietu mijiet ta' snin ilu. L-Awtur ma ħax xi ġrajja qadima u għamilha tiegħu. Min jaf il-ġrajja ta' Malta u jaqra sewwa r-Rumanz jifhem għala wissa hekk l-Awtur. Il-Kittieb ħa mill-ġrajja ta' Malta u tal-Ewropa l-qafas ta' x'għadda matul is-snin, iżda l-mili u d-dgħif hu kollu kemm hu ħolqien ta' ħsiebu u dehnu. Ma qabadx il-ġrajja ta' Malta u qalha fi kliemu. Hu ħares lejn l-imgħoddi u taħ il-ħajja kif stħajlu sata' ġara. Hekk ħoloq ġrajjiet kif fassalhom hu fuq tifsila ta' qafas li tagħti l-Istorja ta' Malta u tal-Ewropa.

Ir-Rumanz tal-prof. Ġużè Galea jħares lejn żmien ta' tibdil kbir kemm fil-Ġrajja ta' Malta u kemm tal-Ewropa: il-għatba tas-seklu dsatax. Għal Malta: il-waqgħa tal-Ordni; il-miġja tal-Franċiżi; it-tixwixa tal-Maltin; il-miġja tal-Ingliżi, jiġbor fih żmien li dwaru ma nistgħux ingħidu li nafu kollox jew li fhimnieh minn ġewwa barra. Għall-Ewropa kien żmien li fih it-tieni tifel ta' Carlo Bonaparte u Letizia Ramolino għaraf mhux biss jisserdaq qalb ħutu iżda wkoll jaħrat u jaqleb ta' taħt fuq l-artijiet tal-Ewropa kif deherlu. Malta kienet fl-eqqel tat-tilwim bejn il-qawwiet tal-Ewropa u l-Maltin sabu ruħhom maqbudin fit-tfixkil ta' dawk is-snin. Ġara li għal sentejn sħaħ il-Maltin kellhom jieħdu r-riedni tal-gvern f'idejhom wara li ġiegħlu l-Franċiżi jinqaflu wara s-swar. Għal mijiet ta' snin qabel, il-Maltin rajhom ma kienx f'idejhom.

U dan ir-Rumanz qed jidher meta Malta għandha issa rajha f'idha; feġġ il-ħelsien politiku. Għal darba oħra l-Maltin sa jmexxu lilhom infushom bħal f'dawk is-sentejn, madwar żewġ sekli ilu. Tabilħaqq "id-dinja rota" kif jismu r-Rumanz! Iżda tgħid il-ġejjieni sa jaħżen fih ukoll "id-dinja rota" bħal f'dawk is-sentejn li naqraw dwarhom fir-Rumanz? Hawn naqbad nitħasseb qatigħ għax dan ir-Rumanz fih x'ittiegħem u xi jħassbek!

Ir-Rumanz jiġbdek u jnissillek ħerqa biex tara kif sa tispiċċa l-ġrajja li qed taqra. Mhux mgħobbi b'kitba li ttaqqallek ħsiebek żejjed. Dan ir-Rumanz inqabblu mal-"GĦARAJJES IMWIEGĦDA" ta' Alessandro Manzoni. Il-qarrej li jifhem x'inhu jaqra jiġuh xi mistoqsijiet waħedhom, bħalma jagħmel għal dawk ix-xogħlijiet letterarji li jkunu miktubin hekk bis-sengħa li ssib x'tixtarr fihom daqs kemm iwassal xiber il-qarrej.

Ġużè Galea fir-Rumanz tiegħu għandu tliet żgħażagħ aħwa: Anton, Ġorġ u Ċensu Barbara. It-tlieta huma Maltin u t-tlieta wild ta' familja waħda, iżda tal-ewwel b'ruħu u ġismu mal-Ordni, it-tieni Ingliż, it-tielet Franċiż.

Għalkemm kull wieħed Malti minn għanqudu, kull wieħed ixaqleb u jissielet għall-ħbiberija ta' xi barrani, wieħed ma jaqbilx mal-ieħor. Biss, it-tlieta fir-Rumanz baqgħu jinġiebu ta' aħwa.

Ukoll, il-Mexxejja tal-Maltin għandhom għadu wieħed, iżda jiksruha — daqqiet bl-ikrah — ma' xulxin. Ingħidu aħna: il-Ġeneral Manwel Vitale f'Misraħ il-Barrieri jwaqqaf lill-Kanonku Caruana, Ġeneral tal-Maltin, meta waslu fi tmiem it-thejjijiet għall-ħbit fuq il-Bieb ta' Marsamxett, il-Belt. Kien Malti, Ċensu Barbara, li minħabba fih saret taqtigħa sħiħa mill-Maltin fl-imħażen ta' Marsamxett, igħidilna r-Rumanz. Il-Ġeneral Caruana u l-professur Dun Mikiel Xerri huma żewġ kefef ta' miżien ieħor. Tal-ewwel libes il-Kukkarda Franċiża qabel il-miġja ta' Bonaparte f'Malta. Sar Ġeneral tal-Maltin meta wiżen sewwa r-rumana x'toqtol għandha mal-istasija li magħha hu dendel riżq il-Franċiż f'Malta, sa ma tħabbeb mal-Ingliżi: u hekk ma tilef ma' ħadd, la mal-barrani anqas mal-ġewwieni. Tat-tieni, qassis ukoll, aktar jaf x'jiżnu ħwejjeġ tar-ruħ milli x'tagħti d-dinja. Tgħid ir-Rumanz qatagħha sew meta tana x'nifhmu li, għalkemm Dun Mikiel Xerri ħareġ ta' raġel miegħu nnifsu u ma' sħabu l-Maltin, ħalla ħajtu għax ittarraf fi praspar li ma għoddewx għal idejh?

Naraw ukoll x'għadda bejn żewġ Żebbuġin li ħallew isem fil-Ġrajja ta' Malta: il-Kanonku Caruana u Mikiel Anton Vassalli. It-tnejn kellhom għal qalbhom Malta u l-Maltin, iżda tal-ewwel ma kienx inizzel l-ieħor. Il-Kanonku Caruana libes il-Kukkarda bħalma għamel M.A. Vassalli, u Vassalli fuq kollox ried Malta tissejjaħ 'nazzjon'! B'danakollu bejniethom saltnet il-firda sa ma fl-aħħar Vassalli sab ruħu mqalfat il barra minn Malta. Fir-Rumanz insibu "teorija" ta' kif setgħet nibtet bejniethom dik iż-żerriegħa ta' kif il-Kanonku ma setax iġerragħ lil Vassalli. L-Awtur ħaqqu prosit għal kif ġabha u ħoloqha l-ġrajja. Il-ħasra u l-ħsara li jnissel in-nuqqas ta' ftehim għaraf ifissirhom tajjeb il-professur Ġużè Galea.

Dan ir-Rumanz iqanqallek ħsibijietek minn egħruqhom. Tgħid l-Awtur irid jagħti tagħlima lil ħutu sabiex jagħarfu jitgħallmu minn ġrajjiet l-imgħoddija? Fih x'tiżen għal dik li hi firda bejn l-aħwa. U dil-firda nibtet meta l-Maltin tiegħmu għal waqt wieħed il-ħelsien politiku. Qegħdin fi żmien ta' taqlib li għandhom minn dak iż-żmien li dwaru jitkellem ir-Rumanz. Illum Malta u l-Maltin jinsabu fi żmien ta' taqlib: ta' rajhom f'idejhom. Tgħid x'sa jiġri? Fir-Rumanz ID-DINJA ROTA jien nara twiddiba f'waqtha misrura f'għamla artistika minn bniedem li x-xogħol li ħabbat wiċċu miegħu matul ħajtu u l-qari wiesa' dwar il-Ġrajja ta' Malta li ntafa' għalih, jurina jaf x'inhu jgħid. Il-Kittieb inħossu jwiddeb u jħalli l-qarrej jifhem waħdu. Toqgħod taħseb fuq din it-twiddiba aktarx bħal jaqbdek swied il-qalb, ladarba qalb l-aħwa għandu jkun hemm is-sliem u l-ftehim. Ma jidhirlix qiegħed nilmaħ fil-kitba tal-professur Ġużè Galea aktar milli ried jew xtaq ifisser hu. Ir-Rumanz qrajtu bil-ġabra u b'dehwa għal darba tnejn mill-ewwel sal-aħħar kelma.

Xogħol letterarju tat-tifsila ta' dan ir-Rumanz hu xogħol li jagħni l-letteratura. Ktieb li jistgħu jaqrawh iż-żgħażagħ tal-aħħar klassi tal-iskejjel primarji; studenti ta' skejjel sekondarji u djar universitarji; raħħala u beltin: ilkoll jifhmu sa jagħtihom dehenhom, ifisser ħafna u juri x-xiber tas-sengħa tal-Kittieb. Il-profs. Ġużè Galea mhux illum li tafa' idu għall-kitba u wara dik id-damma ta' rumanzi, tistenna minnu xi ħaġa tajba. Jidhirli taħielna.

Xtaqt nitkellem dwar in-nies u l-ġrajjiet kollha li nsibu fir-Rumanz. L-istudju dwar dan inħallih għal ħaddieħor li għad jasal biex ikollu jaqra r-Rumanz għal xi eżami għax jidhirli kif inhu mibni r-Rumanz, għexieren

ta' mistoqsijet jista' jsib fih l-eżaminatur. Barra dak li tkellimt dwaru, issib nies u ġrajjiet li jolqtuk. Is-Sinjura Bettina fiha mara mqarqċa ġmielha: trid tindaħal f'kull fettuqa li tiġri madwarha; tmexxi l-gvern tal-Gżira kif jidhrilha hi; tiġri mal-artijiet tal-Ewropa sa Pariġi u lura; il-praspar li tidħol fihom jagħmluha bħala l-bniedma li tikser it-toqol tal-ġrajja. Il-mewt tal-fizzjal Malti Dovik Abela minn balla ta' suldat Franċiż; il-qerda ta' Ewġen Manduca mill-pesta f'Ħal Qormi; kif Margerita Barbara ġarrbet it-telfa ta' mħabbitha; iż-żjara fil-Gudja u f'Ħal Qormi mill-ammirall Nelson; it-tmexxija tal-Kmandant Ingliż Ball fil-Gżira; ix-xogħol ta' Dun Rafel Barbara u tat-tobba matul il-pesta l-kbira f'Ħal Qormi fis-sena 1813; it-tiġrib kiefer ta' Mikiel Anton Vassalli matul is-snin; il-ġrajjiet tal-Ġeneral Ġwakkinu Murat u martu r-Reġina Marija Karolina u s-saltna tagħhom ta' Napli; il-ftietaq tal-Burboni f'Palermu u l-ħbiberija tagħhom mal-Ingliżi, u l-laqgħat tal-Maltin magħhom; il-vjaġġi tal-partitarju Franċiż Ċensu Barbara għal Franza; il-laqgħat bil-moħbi tal-partitarju Ingliż Ġorġ Barbara mal-Ingliżi; x'għadda mill-Konti Salv Manduca matul is-snin; il-laqgħat tal-mexxejja Maltin għand is-Sur Slaw Gatt f'Ħal Qormi; it-taqtigħa bejn il-Qriema u l-Franċiżi fi Triq San Ġużepp; il-ħidma tas-Sur Pawl Parisio mal-mexxejja Maltin; il-feluka Griega u l-patrun tagħha ġmielhom nilmħuhom bħala ħolqa mill-aqwa fit-tifsila tar-Rumanz; naraw kif il-mexxejja Maltin ħabbtu wiċċhom mal-għawġ ta' dawk is-snin; matul il-ġrajja erħilu l-Kanonku Caruana jilħaq ma' kull riħ, hi liema hi n-naħa li jonfoħ minnha; il-ġrajja tal-qawmien tal-Maltin għall-Franċiżi, u tal-waqgħa tal-Ordni, wara mijiet ta' snin f'Malta: fihom x'taqra.

Ir-Rumanz jibda bil-ġrajja tal-mewt ta' missier Ġorġ Barbara u jintemm bil-mewt tal-omm. Hekk matul is-snin id-dawra tal-imgħażel tal-ħajja għamlet tagħha; u x'għadda matul is-snin: ferħ, niket, hena, taqtigħ il-qalb, għana, faqar, kollox jintemm illum jew għada. Jiġri x'jiġri f'din id-dinja bejn bniedem u ieħor, il-mewt taħsad kollox: "id-dinja rota". Dan il-ħsieb naqrawh fit-tifsila tar-Rumanz. Bħallikieku l-Awtur, issa li wasal f'dak iż-żmien li l-bniedem iħares lejn l-imgħoddi u jistaqsi lilu nnifsu x'jaħżen il-ġejjieni, wara li jkun għadda dak ix-xiber għomor bħalma għamlu bnedmin ta' qablu, jibda biex jistaqsi lilu nnifsu: x'inhi l-ħajja? U jekk tfittex fi ġrajjiet l-imgħoddija, kbar kemm huma kbar, żgħar kemm huma żgħar, x'issib? Għax jekk toqgħod tqis: il-ġrajja tal-bniedem bi kburitha, sbuħitha u qawwietha, trid tgħaddi mill-imgħażel tal-mewt. Hekk, kif igħid il-qawl: "id-dinja rota". Dan huwa ħsieb ieħor li l-qarrej jiltaqa' miegħu fit-tifsila tar-Rumanz.

Ma nistax ingħid jekk dan ir-Rumanz hux sa jkun l-aħħar wieħed fid-damma tax-xogħlijiet letterarji tal-profs. Ġużè Galea. Jidhirli ID-DINJA ROTA jinqata' mill-oħrajn. Għalkemm il-ġrajja tibqa' Malta, iżda tissensel ma' dik tal-Ewropa. Fir-Rumanz, kif għidt qabel, nara tifsila mnissla minn ħsieb li jġibu t-tiġrib u l-mili tas-snin. Jaħżen fih tiswir artistiku li mad-daqqa ta' għajn jidher ħafif, iżda bħan-nisġa tal-bizzilla trid tifliha biex tifhimha. Ix-xogħol tal-profs. Ġużè Galea jinfatam minn dik il-għamla ta' Rumanz mibni fuq sies storiku illi fih l-Awtur jagħmel lil kull Malti jħobb bla qies lil art twelidu. Barradan, kif Ġużè Muscat Azzopardi fassal lil Dun Mikiel Xerri f'NAZJU ELLUL, mhux kif Ġużè Galea fissirhulna fi ID-DINJA ROTA. Fiż-żewġ Rumanzi, Dun Mikiel Xerri baqa' jħobb 'l art twelidu, iżda Ġ.M.A. ħoloq leġġenda dwaru fir-Rumanz tiegħu, waqt li Ġ.G. fasslu bħala bniedem li sata' ma għarafx sewwa għal xiex dieħel. Dan huwa kollu taħdit li għad jinqala' maż-żmien, meta għad jaqraw u jerġgħu jaqraw

iż-żewġ Rumanzi flimkien. Aktarx li ż-żmien ta' Ġużè Muscat Azzopardi ried li tinħoloq il-leġġenda, iżda llum, żmien ieħor, u l-kotra aktarx teħtieġ min ifissrilha tagħlimiet oħra, bħalma tkellimt qabel.

F'dan ir-Rumanz ħassejt bħallikieku li l-Awtur ma baqax igħasses fuqu nnifsu fil-għażla tal-kelma bħal fir-Rumanzi kotrana tiegħu ta' qabel. Aktarx dan seħħ billi kellu jfisser taħdit u ġrajjiet li ma ħallewhx jagħmel ieħor. Barradan, 'l hawn u 'l hinn il-qarrej sa jsib, f'din il-ħarġa, xi tentuxiet ta' għiltijiet ta' ortografija. Dan mhux ħtija tal-Awtur għax naf fis-sew kemm sabar ħa biex jara l-provi jinqraw darbtejn. Naf li ġieli kellu jagħżel għażla kerha: dik li jħalli għaqquxa tgħaddi sabiex fl-istamperija ma jsirx għilt ġdid meta jiġi biex jissewwa wieħed qadim.

Ingħid is-sew, għal Rumanz bħal dan, xtaqt nara qxura ta' ktieb aħjar u disinn aħjar minn dak li hemm. Fuq barra mhux globu magħluq f'rota ta' karettun kont nagħmel, iżda r-rota tas-sienja tarfa' l-ilma u li, jidhirli, aktar tfisser il-ħsieb tal-qawl li hu isem ir-Rumanz. It-tipa magħżula tajba u tinqara sew bla tfixkil. L-inkwadratura ta' xi paġni messha ħarġet aħjar. Id-daqs mhux kbir u jista' jitqiegħed f'but, għalkemm ilaħħaq madwar erba' mitt paġna; iżda fid-daqqa ta' għajn ma jolqotx għax jidher kwadru.

Ir-Rumanz mogħni b'għadd ta' Ritratti stampati fuq karta mill-aħjar. Ħsieb f'waqtu tar-ritratti. Hemm li laqtuni u hemm li xtaqthom għamla oħra. L-ewwel ritratt tad-dar ta' "Barbara" jolqtok, bħalma ta' Murat u ta' Marija Karolina, kif ukoll il-palazz ta' Manduca. Hemm tnejn setgħu ġew aħjar xi ftit. Dak tal-"ħawt tas-sienja" messu fih ras ta' bhima biex wieħed jintebaħ għalfejn hu l-ħawt u kemm hu kbir il-ħawt. Ir-ritratt tal-wesgħa quddiem it-Tribuna tas-Sultan, Ħal Qormi, ma messu qatt dehru fih żgħażagħ tallum jilagħbu l-ballun. Talanqas, xi żewġt ixjuħ jew xi karettun messhom dehru fil-wesgħa. Ir-ritratt tal-"chromolithograph" dwar il-Batterija tal-Għolja tal-Ġeżwiti ma ħarġitx sew fih il-batterija li hemm fil-"chromolithograph" in-naħa ta' isfel u mpinġija fl-oskur. Ħasra! Iżda hi biċċa xogħol tqila biex iġġib it-tonalità ta' "chromolithograph". Kien xieraq li jissemma l-fotografu jew ta' min huma r-ritratti. Qed ingħid dan mhux il-għaliex ir-ritratt tal-profs. Ġużè Galea, l-Awtur, li jidher quddiem mal-isem, ħadtu jien, u ladarba deher, intgħoġob. Qed ingħidu dan, għax f'Malta ħafna huma l-istampaturi u wkoll edituri ta' gazzetti (imbagħad biex tissellef blokk minn bosta mill-gazzetti trid tħallas!) jinsew li d-drawwa barra minn Malta hi li jissemma ta' min hu r-ritratt. U anqas nista' nifhem b'liema regula tas-sengħa taħt ir-ritratt tal-professur ma hemm imniżżel xejn: bħallikieku l-istampatur jidhirlu kulħadd imissu jifhem li dak hu l-Awtur! Barra l-werrej tat-"taqsimiet", bix-xieraq sar ieħor għar-ritratti. Ma għandniex xi ngħidu dawn ħwejjeġ żgħar tax-xogħol tal-istampa. Żgħar kemm huma żgħar, jeħtieġ inqisuhom.

Nerġgħu għar-Rumanz! Min jaqra x'imkien ieħor fehemti dwar ir-Rumanz Malti, bħallikieku jaħseb li jien Rumanzier Malti tallum jeħtieġlu jara u jiftaqad il-ħajja ta' madwaru. B'daqshekk ma jfissirx li min jindaħal biex igħarbel u jibni fuq ġrajjiet l-imgħoddija, ma nħarisx lejh. Il-kitba bħall-Arti kollha: ma tistax tagħlaqha bejn erba' tusijiet. Il-kitba hi ħolqien tal-mergħa ta' moħħ il-bniedem, u sakemm fix-xogħol hemm il-għaqal, id-dehen, il-ħsieb, is-sengħa: f'kelma waħda, l-arti, ma għandekx għajr tifhem u tilqa' s-sbuħija tax-xogħol. Intenni u ntellet: fi ID-DINJA ROTA għandna Rumanz sħiħ u sa jagħmel ġieh lill-Awtur, il-professur Ġużè Galea. Biċċa xogħol mibnija bil-għaqal u bis-sengħa. Tabilħaqq hu xogħol li juri mili fis-sengħa tiegħu bħala kittieb tar-Rumanz. Bix-xieraq

ir-Rumanz jieħu postu bħala wieħed mill-aqwa fid-damma ta' Rumanzi bil-Malti li ħarġu mill-pinna ta' Ġużè Galea. Nifraħ lill-Awtur għall-aħħar Rumanz ID-DINJA ROTA, għax dan ix-xogħol jissokta jseddaqlu postu fil-letteratura Maltija bħala Rumanzier Malti mill-ewlenin. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar għad il-qarrejja jifhmu s-siwi u t-tifsir ta' dan ir-Rumanz.

Anton Agius Muscat.

**"EJJEW NIDĦKU FTIT IEĦOR".** — *It-Tieni Damma ta' Epigrammi, Poeżiji Umoristiċi u Sarkastiċi Epitaffi, Taqbiliet, Ħrejjef, eċċ.*, Ta' Anton Buttigieg. Pp. 126. Malta, Lux Press, 1965.

Din hi t-Tieni ġabra ta' epigrammi bil-Malti li deħru miġburin fi ktieb wara xi erba' snin li kienet ħarġet l-Ewwel Ġabra. F'IL-MALTI ta' Set.-Diċ. tal-1963 kienet dehret reċensjoni tal-Ewwel Ġabra fejn tajna l-fehmiet tagħna bi studju kritiku, bħala xogħol ġdid fil-letteratura Maltija.

F'din il-ġabra li hija maqsuma taħt ħdax-il ras u prologu l-awtur żied jagħtina tpinġija umoristika tal-ħajja soċjali tal-lum bi lwien wisq iżjed realistiċi fil-versi sarkastiċi tiegħu fejn il-ħażin tad-drawwiet jidher kultant mikxuf bil-ħmeġ tiegħu kollu.

Din id-darba fil-Prologu ta' *Ejjew Nidħku Ftit Ieħor* jidher b'libsa oħra minn dik ta' qabel — jidher bil-*walking dress,* kif igħidu l-Ingliżi kif in-nies jafuh barra t-triq bid-daħka filosofika tiegħu, li tieħu d-dinja biċ-ċajt, bi programm kollu kemm hu sarkastiku, umoristiku, ta' daħk u ċajt flok ta' biki u qtigħ il-qalb. Għalhekk f'waħda mill-istrofi jgħannilna:—

*Kemm huwa aħjar li fis tinfexx tiddieħak*
*minn flok tiddispra f'nofs l-aqwa traġedja.*
*Kemm hu aħjar li flok ma 'tibki tidħak,*
*u ddaħħak lill-oħrajn, tagħmel kummiedja.*

Il-qarrej ta' din id-damma, wara li jkun qara l-ewwel waħda ma jagħtihx is-sabar li ma jibqax sejjer nifs wieħed jaqra sal-aħħar waħda, u dan hu biżżejjed biex juri li kull strofa għandha l-ġmiel ta' l-iktar sengħa fina fil-kitba ta' versi umoristiċi u sarkastiċi.

A. Cremona.

# INFAKKRU

Infakkru lill-Imseħbin f'"IL-MALTI" li l-abbonament (4s. fis-sena) għandu jitħallas bil-quddiem fil-bidu ta' Jannar u jinbagħat lit-Teżorier Onorarju, is-Sur VICTOR APAP.

Nixtiequ wkoll infakkru lill-Membri Akkademiċi li l-ħlas ta' £1 (bħala Membri) għandu jitħallas bil-quddiem fil-bidu ta' Jannar. Nitolbu wkoll sabiex dawk li BAQGĦU LURA F'DAWN IL-ĦLASIJIET JIKKUMNIKAW MAT-TEŻORIER U MA JDUMUX MA JISSODDISFAW DAN IL-ĦLAS.

GIOV. MUSCAT & CO. LTD. - MALTA - PRINTERS.